MT

CURIA RATIONUM

IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

# Agrikoltura u koeżjoni: ħarsa ġenerali lejn l-infiq tal-UE għall-2007-2013

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

E-mail: eca-info@eca.europa.eu
Internet: http://eca.europa.eu

Twitter: @EUAuditorsECA
YouTube: EUAuditorsECA

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet.
Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (http://europa.eu).

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2014

ISBN 978-92-872-1217-7
doi:10.2865/89798

© L-Unjoni Ewropea, 2014
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

*Printed in Luxembourg*

MT

# Agrikoltura u koeżjoni: ħarsa ġenerali lejn l-infiq tal-UE għall-2007-2013

# Werrej



Paġna

05 **Sommarju eżekuttiv**

07 **Introduzzjoni**

08 **Ġestjoni finanzjarja u kontroll tal-UE f'ġestjoni kondiviża għall-2007-2013**

08 Il-qafas finanzjarju pluriennali għall-2007-2013 kien l-akbar wieħed li qatt sar qbil dwaru għall-infiq tal-UE

09 Il-koeżjoni u l-agrikoltura kienu l-oqsma prinċipali ta' nfiq

10 Fi tmiem l-2013, il-pagamenti kienu għadhom ma sarux fuq aktar minn terz tal-impenji għall-2007-2013

13 Il-pressjoni biex jintnefqu l-fondi

16 **Ir-riżultati tal-awditjar tal-Qorti fl-agrikoltura u l-koeżjoni għall-2009-2013**

16 Ir-rati ta' żball stmati fl-agrikoltura u l-koeżjoni għall-2009-2013

17 Agrikoltura: raba' ineliġibbli u bdiewa ineliġibbli jiddominaw it-tabella tal-iżbalji għall-agrikoltura

19 Koeżjoni: il-ksur ta' regoli tal-akkwist kien l-akbar kawża unika ta' żball

20 Il-Kummissjoni tipprovdi żewġ sorsi ta' informazzjoni dwar id-distribuzzjoni ġeografika tal-problemi li identifikat

22 Ix-xogħol tal-awditjar tal-Qorti jirrifletti l-volum tal-nfiq tal-UE fl-Istati Membri, taħt ġestjoni kondiviża

23 Informazzjoni aħjar hija disponibbli għall-11-il Stat Membru li jirrappreżentaw aktar minn 80 % tal-infiq taħt ġestjoni kondiviża

24 Il-fatt li l-Qorti ssib żbalji b'mod tant frekwenti huwa illustrazzjoni tal-kumplessità tar-regoli ta' eliġibbiltà u tas-sistemi ta' ġestjoni għall-programmi ta' nfiq tal-UE

# Werrej




26 **Valutazzjoni tar-rwol superviżorju tal-Kummissjoni**

26 Il-qafas kumpless ta' kontroll għall-infiq tal-UE taħt ġestjoni kondiviża

27 Ir-rwol tal-"korrezzjonijiet finanzjarji"

28 Il-livell ta' żball fl-2013 irrappurtat mill-Qorti kien ikun 1,6 % ogħla, li kieku ma kienet ħadet l-ebda kont tal-miżuri korrettivi

29 Il-valutazzjoni mill-Kummissjoni hija inizjalment ibbażata fuq id-*data* tal-Istati Membri

32 Is-superviżjoni tal-infiq fl-agrikoltura mill-Kummissjoni

32 Ix-xogħol tal-Kummissjoni ttejjeb f'dawn l-aħħar tliet snin

33 L-Istati Membri jwettqu l-kontrolli u l-ispezzjonijiet ewlenin

34 Is-superviżjoni tal-infiq fil-koeżjoni mill-Kummissjoni

35 Il-Kummissjoni tejbet progressivament l-approċċ tagħha

36 Hemm riskju li l-Kummissjoni tistma b'mod insuffiċjenti r-rata tal-iżball residwu fl-infiq fil-koeżjoni

37 Sommarju tar-riskji u d-dgħufijiet ewlenin identifikati

37 Ir-riskji fl-agrikoltura huma relatati mar-raba', mal-annimali u mal-bdiewa

37 L-iżvilupp rurali huwa partikolarment suxxettibbli għal żball

38 Ir-riskji fil-koeżjoni għadhom iddominati minn dgħufijiet fl-akkwist

39 **Ħarsa 'l quddiem: infiq tal-UE fl-agrikoltura u l-koeżjoni għall-2014-2020**

39 Tfassil mill-ġdid sinifikanti ta' sussidji għall-agrikoltura

40 Koeżjoni: simplifikazzjoni tat-twassil tal-politika iżda anqas bidliet fir-regoli ta' eliġibbiltà

40 Il-bidliet fir-rwoli, fir-responsabbiltajiet u fl-obbligi ta' rappurtar rispettivi tal-Kummissjoni u tal-awtoritajiet nazzjonali jagħtu lill-partijiet interessati informazzjoni aħjar dwar livelli ta' irregolarità?

41 Bażi għal informazzjoni aħjar dwar il-legalità u r-regolarità fl-agrikoltura

41 Qafas annwali aktar b'saħħtu għall-mekkaniżmi tal-obbligu ta' rendikont fil-koeżjoni

42 Implikazzjonijiet ta' żviluppi għall-obbligu ta' rendikont u r-rwol tal-Qorti: l-isfida għall-awditjar tal-affidabbiltà tal-informazzjoni ta' kontroll ipprovduta mill-Kummissjoni u mill-awtoritajiet nazzjonali

# Werrej



43 **Konklużjonijiet ewlenin**

44 **Annessi**

44 Anness 1: Impenji u pagamenti għall-intestaturi 1.b (koeżjoni) u 2 (agrikoltura) skont l-Istat Membru

45 Anness 2: Frekwenza ta' żbalji maqbuda fil-kampjunar tal-awditjar għall-agrikoltura u l-koeżjoni għall-2009- 2013

46 Anness 3: Frekwenza ta' żbalji maqbuda fil-kampjunar tal-awditjar għall-agrikoltura għall-2009- 2013

47 Anness 4: Frekwenza ta' żbalji maqbuda fil-kampjunar tal-awditjar għall-koeżjoni għall-2009- 2013

48 Anness 5: Superviżjoni mill-kummissjoni: agrikoltura u koeżjoni għall-2007-2013

50 **Abbrevjazzjonijiet**

51 **Noti fi tmiem id-dokument**

# Sommarju eżekuttiv



## I

Dan id-dokument jippreżenta ħarsa ġenerali lejn l-infiq tal-UE fl-agrikoltura[1] u l-koeżjoni[2] taħt ġestjoni kondiviża matul il-qafas finanzjarju pluriennali 2007-2013. Huwa għandu l-għan li jenfasizza kwistjonijiet ta' ġestjoni finanzjarja u kontroll tal-UE fl-agrikoltura u l-koeżjoni matul il-perjodu, li jiġbor fil-qosor ir-riżultati tal-awditjar tal-Qorti, li jipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-ġestjoni finanzjarja tal-UE, u li jqis l-isfidi tal-awditjar tal-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020. Huwa jfittex ukoll li jindirizza t-talba li l-Parlament Ewropew esprima fir-riżoluzzjoni ta' kwittanza tal-2012 biex, f'ġestjoni kondiviża, tiġi pprovduta informazzjoni speċifika għall-pajjiż.

## II

L-informazzjoni dwar id-distribuzzjoni ġeografika tar-riskju hija disponibbli minn diversi sorsi li huma differenti fil-karattru u fin-natura. Dawn is-sorsi ta' informazzjoni li huma disponibbli jinkludu:

- is-sejbiet tal-awditjar tal-Qorti;
- id-distribuzzjoni tal-ammonti f'riskju, skont l-Istat Membru, ibbażata fuq ir-Rapporti Annwali tal-Attività 2013 tal-Kummissjoni;
- korrezzjonijiet finanzjarji skont in-Nota 6 tal-Kontijiet Konsolidati 2013 tal-UE.

## III

Il-Qorti ma fittxitx li tikseb evidenza ġdida fit-tħejjija ta' din il-ħarsa ġenerali.

## IV

Il-konklużjonijiet ewlenin tal-ħarsa ġenerali huma:

- L-infiq fil-perjodu 2007-2013 segwa l-mudell ta' perjodi preċedenti. Filwaqt li l-infiq iddewwem, il-volum kumplessiv ta' pagamenti li saru kien qrib dak mistenni, u x'aktarx li ftit li xejn se jkun hemm użu mid-diżimpenn awtomatiku tal-fondi. Ħlief għal għajnuna diretta u appoġġ tas-suq għall-bdiewa fl-agrikoltura, il-pressjoni biex jintnefqu l-fondi huwa komponent ewlieni ta' riskju għall-infiq taħt ġestjoni kondiviża.
- Ir-riskji prinċipali għar-regolarità tal-infiq fl-agrikoltura huma l-ineliġibbiltà tal-art, tal-annimali, jew tal-ispejjeż li fuqhom huma bbażati l-pagamenti ta' sussidji, tal-benefiċjarji li jirċievu sussidji, u l-kalkolu skorrett ta' sussidji (anke jekk dawn ir-riskji huma sa ċertu punt mitigati mill-operazzjoni tas-Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll). Il-ksur ta' rekwiżiti agroambjentali, ta' rekwiżiti speċifiċi għal proġetti ta' investiment, u ta' regoli tal-akkwist huma fatturi importanti li jżidu r-riskju għall-infiq fl-iżvilupp rurali.
- L-akbar riskju fl-infiq fil-koeżjoni huwa relatat mal-ksur ta' regoli tal-akkwist pubbliku tal-UE u/jew dawk nazzjonali. It-tieni l-akbar riskju huwa li l-infiq (jew il-proġetti) ma jkunx eliġibbli għal sussidju mill-UE.

# Sommarju eżekuttiv



- Filwaqt li hemm ambitu sinifikanti għal titjib fis-sistemi ta' kontroll, l-isfida ewlenija hija li tittieħed azzjoni biex il-ġestjoni tal-programmi ssir aktar faċli. L-Istati Membri kollha li għalihom tista' tinsilet konklużjoni huma milquta minn livelli materjali ta' żball bi grad ta' fluttwazzjoni madwar il-medja għall-baġit tal-UE fl-intier tiegħu. Il-Qorti ssib żbalji fl-Istati Membri kollha tal-UE. Matul il-perjodu kopert minn din il-ħarsa ġenerali, il-Qorti eżaminat ħafna sistemi ta' kontroll fl-Istati Membri u fil-Kummissjoni, u fil-biċċa l-kbira kkonkludiet li dawn huma "parzjalment effettivi". Il-fatt li, minkejja din il-klassifikazzjoni ta' sistemi, il-Qorti ssib żbalji fi kważi nofs it-tranżazzjonijiet li teżamina juri, fost l-oħrajn, il-kumplessità tar-regoli ta' eliġibbiltà u tas-sistemi ta' ġestjoni għall-programmi ta' nfiq tal-UE.

- Kien hemm titjib fir-rappurtar dwar ir-riskju u dwar l-iżbalji mill-awtoritajiet fl-Istati Membri, iżda l-Kummissjoni tkompli tiffaċċja sfidi sinifikanti biex tiżgura li din l-informazzjoni hija affidabbli.

- Kumplessivament, il-bidliet fir-regolamenti għall-perjodu l-ġdid jista' ma jkollhomx impatt sinifikanti fuq il-livell ta' riskju. Filwaqt li hemm xi simplifikazzjoni tar-regoli li ntlaqgħet tajjeb, xi skemi ta' nfiq se jkomplu joħolqu sfidi għall-maniġers fl-Istati Membri kollha.

- Ħafna żbalji nħolqu għaliex l-arkitettura kumplessiva ta' ġestjoni u kontroll hija kumplessa. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom ikomplu jfittxu opportunitajiet biex jissimplifikawha. Madankollu, sadanittant, l-esperjenza turi li l-Istati Membri kienu esperjenzaw diffikultajiet fl-immaniġġjar tas-sistema attwali u, għaldaqstant, fl-implmentazzjoni tal-politika. L-isforzi li qed isiru fl-Istati Membri biex is-sitwazzjoni tiitejjeb jeħtieġ li jkomplu.

# Introduzzjoni



## 01

Dan id-dokument jippreżenta analiżi tal-infiq tal-UE f'fondi mmaniġġjati taħt ġestjoni kondiviża fl-agrikoltura[1] u fil-koeżjoni[2] matul il-qafas finanzjarju pluriennali 2007-2013. Huwa għandu l-għan li jenfasizza kwistjonijiet ta' ġestjoni finanzjarja u kontroll tal-UE fl-agrikoltura u l-koeżjoni matul il-perjodu, li jiġbor fil-qosor ir-riżultati tal-awditjar tal-Qorti, kif ukoll li jipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-ġestjoni finanzjarja tal-UE, u lejn l-isfidi tal-awditjar tal-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020. Huwa jfittex ukoll li jindirizza t-talba li l-Parlament Ewropew esprima fir-riżoluzzjoni ta' kwittanza tal-2012 biex, f'ġestjoni kondiviża, tiġi pprovduta informazzjoni speċifika għall-pajjiż.

## 02

Filwaqt li l-ħarsa ġenerali tikkonċerna l-użu li sar mill-fondi matul il-qafas finanzjarju pluriennali 2007-2013, l-analiżi tar-riżultati tal-awditjar tal-Qorti tkopri s-snin 2009-2013. Billi jagħmel dan, id-dokument jiffoka fuq il-perjodu li fih il-pagamenti huma primarjament ibbażati fuq ir-regoli għall-2007-2013 u li għalihom il-Qorti ppubblikat rati ta' żball f'valutazzjonijiet speċifiċi individwali. Il-ħarsa ġenerali hija mfassla fuq rapporti annwali, rapporti speċjali relevanti, u opinjonijiet tal-Qorti, u fuq rapporti tal-Kummissjoni inklużi rapporti annwali tal-attività tad-DĠ Agrikoltura u Żvilupp Rurali (DĠ AGRI), tad-DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni (DG EMPL) u tad-DĠ Politika Reġjonali u Urbana (DĠ REGIO), u fuq analiżijiet tal-implimentazzjoni baġitarja.

## 03

Il-ħarsa ġenerali hija strutturata f'erba' partijiet:

- Ħarsa ġenerali lejn l-infiq, b'fokus fuq il-koeżjoni u l-agrikoltura.
- Ir-riżultati tal-awditjar tal-Qorti fl-agrikoltura u l-koeżjoni fil-perjodu 2009-2013, inkluża r-rata kumplessiva ta' żball stmata u l-frekwenza u t-tipoloġija ta' żbalji.
- Valutazzjoni tar-rwol superviżorju tal-Kummissjoni fl-arkitettura kumplessa tas-sistemi ta' kontroll għal ġestjoni kondiviża.
- Il-bidliet li rriżultaw mill-qafas legali l-ġdid għall-perjodu 2014-2020.

# Ġestjoni finanzjarja u kontroll tal-UE f'ġestjoni kondiviża għall-2007-2013

08

## Il-qafas finanzjarju pluriennali għall-2007-2013 kien l-akbar wieħed li qatt sar qbil dwaru għall-infiq tal-UE

### 04

Il-Ftehim Interistituzzjonali (FII) dwar dixxiplina baġitarja u ġestjoni finanzjarja tajba bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni ġie ffinalizzat fis-17 ta' Mejju 2006. Dan stabbilixxa l-qafas finanzjarju pluriennali għall-2007-2013. B'kollox, wara li l-aġġustamenti kollha ttieħdu inkunsiderazzjoni, il-qafas finanzjarju pluriennali stabbilixxa limitu massimu ta' EUR 865 biljun għall-impenji u EUR 821 biljun għall-pagamenti bil-prezzijiet kostanti tal-2004 fiż-żmien tan-negozjar tal-qafas finanzjarju pluriennali. Wara li saru aġġustamenti tekniċi biex iqarrbuh lejn il-prezzijiet attwali, il-limitu massimu sar EUR 982 biljun għall-impenji[3] u EUR 926 biljun għall-pagamenti għall-perjodu ta' seba' snin[4].

### 05

Sussegwentement, fil-baġits annwali, l-awtorità baġitarja stabbilixxiet baġits li ammontaw għal total ta' EUR 978 biljun għall-impenji u EUR 873 biljun għall-pagamenti sa tmiem l-2013 (99,6 % u 94,3 % rispettivament tal-massimu permess taħt il-qafas finanzjarju pluriennali). Sa tmiem l-2013, il-Kummissjoni kienet irreġistrat impenji reali li ammontaw għal EUR 970 biljun (98,8 % tal-ammont tal-qafas finanzjarju pluriennali u 99,2 % tal-ammonti vvutati fil-baġits annwali). L-ammont totali mħallas mill-UE sa tmiem l-2013 ammonta għal EUR 863 biljun (93,2 % tal-ammont tal-qafas finanzjarju pluriennali). Il-Qorti indirizzat dan fil-paragrafu 1.52 tar-Rapport Annwali 2012.

### 06

Ir-regolament dwar il-koeżjoni jistabbilixxi wkoll xi kundizzjonalità makroekonomika bl-istabbiliment ta' livelli massimi ta' trasferiment minn fondi li jappoġġaw il-koeżjoni lil kull Stat Membru individwali. Ir-rati stabbiliti kienu bbażati fuq ir-relazzjoni bejn l-introjtu nazzjonali gross (ING) *per capita* ta' Stat Membru, imkejjel skont l-istandards tal-poter tal-akkwist (PPS), u l-medja tal-UE-25[5]. Dawn ir-rati jistgħu jitilgħu sa massimu ta' 3,8 % tal-prodott domestiku gross (PDG) ta' Stat Membru.

# Ġestjoni finanzjarja u kontroll tal-UE f'ġestjoni kondiviża għall-2007-2013



## Il-koeżjoni u l-agrikoltura kienu l-oqsma prinċipali ta' nfiq

**07**

Iż-żewġ intestaturi l-kbar tal-qafas finanzjarju pluriennali huma: l-Intestatura 1.b (Koeżjoni għat-tkabbir u l-impjiegi) li ammontat għal 36 % tal-limitu massimu tal-impenji u 34 % tal-limitu massimu tal-pagamenti, u l-Intestatura 2 (Preservazzjoni u ġestjoni tar-riżorsi naturali (agrikoltura)) li ammontat għal 42 % tal-limitu massimu tal-impenji u 45 % tal-limitu massimu tal-pagamenti. Flimkien dawn jammontaw għal 78 % tal-ammonti li fil-fatt ġew impenjati u 79 % tal-ammonti li tħallsu matul il-perjodu (ara l-*Graff 1*).

**08**

Ir-ripartizzjoni tal-impenji u l-pagamenti għall-2007-2013 skont l-Istat Membru għall-Intestatura 1.b u l-Intestatura 2 hija stipulata fl-*Anness 1*.

Graff 1

### Ripartizzjoni tal-impenji u l-pagamenti li saru fil-perjodu 2007-2013




*Sors:* Il-kontijiet annwali konsolidati u r-rapporti dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja għall-2007 - 2013.

## Fi tmiem l-2013, il-pagamenti kienu għadhom ma sarux fuq aktar minn terz tal-impenji għall-2007-2013

### 09

Mill-impenji li kienu pendenti fi tmiem l-2013, 75 % kienu għall-Intestatura 1.b (62 % jew 137 minn total ta' EUR 222 biljun) u l-Intestatura 2 (13 % jew 28 minn total ta' EUR 222 biljun). Madwar 97 % kienu impenji relatati mal-qafas finanzjarju pluriennali 2007-2013. Dawn l-impenji se jwasslu għal pagamenti matul il-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020.

### 10

Ix-xejra seħħet ukoll f'oqfsa finanzjarji pluriennali preċedenti. Dan jista' jiġi osservat fil-***Graff 2*** li turi l-evoluzzjoni ta' impenji pendenti akkumulati għall-koeżjoni u għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)/il-Fond Ewropew għas-Sajd (FES) rispettivament. Il-Kummissjoni Ewropea (Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji) kif ukoll il-Bank Ċentrali Ewropew ibassru inflazzjoni u tkabbir f'livelli baxxi fis-snin bikrin tal-perjodu l-ġdid[6]. Dan se jagħmilha aktar diffiċli li jinstab biżżejjed finanzjament biex il-pagamenti jissodisfaw l-impenji pendenti riportati minn perjodi preċedenti[7].

Graff 2

## Tkabbir ta' impenji pendenti akkumulati għall-koeżjoni u l-FAEŻR/FES għall-2007-2013




* IP = Impenji pendenti.

*Sors:* Ir-rapporti dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja għall-2007-2013

## 11

Għall-koeżjoni, l-impenji għall-2007-2013 li kienu pendenti fi tmiem l-2013 ammontaw għal EUR 133 biljun jew madwar 38 % tal-ammont totali impenjat. Għalhekk, ir-rata medja ta' assorbiment tal-UE (il-proporzjon ta' pagamenti għal impenji) kienet 62 %. Ir-rati ta' assorbiment tal-Istati Membri individwali kienu jvarjaw minn 38 % għar-Rumanija sa 81 % għall-Estonja. Matul l-ewwel sitt xhur tal-2014, l-Istati Membri ppreżentaw aktar talbiet għal pagament lill-Kummissjoni u r-rata kumplessiva telgħet għal 69 %, bir-Rumanija tilħaq 47 % u l-Estonja u l-Litwanja 89 % (ara l-*Graff 3*).

Graff 3

### QFP 2007-2013:Koeżjoni– Assorbiment tal-fondi sat-30 ta Ġunju 2014




*Sors:* Il-Kummissjoni Ewropea.

12
Għall-miżuri ta' investiment pluriennali taħt il-FAEŻR, l-impenji għall-2007-2013 li kienu pendenti fi tmiem l-2013 ammontaw għal EUR 19-il biljun (madwar 36 % tal-ammont totali impenjat). Għaldaqstant, ir-rata medja ta' assorbiment tal-UE (il-proporzjon ta' pagamenti għal impenji) kienet 64 %. Ir-rati ta' assorbiment tal-Istati Membri individwali kienu jvarjaw minn 40 % għall-Greċja sa 85 % għall-Belġju. Matul l-ewwel sitt xhur tal-2014, l-Istati Membri ppreżentaw aktar talbiet għal pagament lill-Kummissjoni u r-rata kumplessiva telgħet għal 69 %, bil-Greċja tilħaq 44 % u l-Estonja jkollha l-ogħla livell ta' assorbiment b'89 % (ara l-***Graff 4***).

Graff 4

QFP 2007-2013: Miżuri ta' investiment taħt il-FAEŻR – assorbiment tal-fondi sat-30 ta' Ġunju 2014




*Sors:* Il-Kummissjoni Ewropea.

**13**

Il-***Graff 5*** turi l-ammonti totali allokati mill-qafas finanzjarju pluriennali 2007-2013 għall-koeżjoni u għall-FAEŻR/FES sal-31 ta' Diċembru 2013. Filwaqt li kien hemm differenza żgħira bejn is-somom allokati mill-qafas finanzjarju pluriennali u l-impenji reali li saru fis-snin 2007-2013, id-differenza bejn l-impenji u l-pagamenti li saru kienet ħafna akbar. Il-pagamenti relatati mal-impenji għall-2007-2013 jirrappreżentaw 62 % u 74 % rispettivament tal-ammonti allokati mill-qafas finanzjarju pluriennali. Id-distakk bejn l-impenji għall-2007-2013 u l-pagamenti relatati għall-2007-2013 huwa fil-biċċa l-kbira kumpensat bil-volum ta' pagamenti li saru matul dawn is-snin fir-rigward tal-impenji għall-2000-2006.

Graff 5

QFP 2007-2013: Koeżjoni u FAEŻR/FES: minn allokazzjoni mill-qafas finanzjarju pluriennali għal pagamenti reali sal-31 ta' Diċembru 2013 f'miljun EUR




*Sors:* Ir-rapporti dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja għall-2007-2013

## Il-pressjoni biex jintnefqu l-fondi

**14**

L-assorbiment bil-mod tal-fondi fil-perjodu 2007-2013 jirriżulta, fuq kollox, mill-karattru ċikliku tal-nfiq. Għal azzjonijiet pluriennali, il-pagamenti li saru matul l-ewwel sentejn ta' qafas finanzjarju pluriennali normalment ikunu relatati mal-impenji li jkunu saru fil-qafas finanzjarju pluriennali preċedenti. Barra minn hekk, il-fondi allokati spiss huma akbar mill-kapaċità tal-Istati Membri li jassorbuhom (ara l-***Graffs 3*** u ***4***).

**15**

Filwaqt li, kumplessivament, il-baġit tal-UE jirrappreżenta madwar 2 % tal-infiq pubbliku tal-Istati Membri tal-UE[8], l-isfida għall-Istati Membri individwali tista' tkun ħafna akbar. Il-Parlament Ewropew jistma li l-infiq tal-UE fil-Litwanja, pereżempju, jirrappreżenta 27 % tal-infiq (minbarra dak għas-saħħa u għall-protezzjoni soċjali)[9]. Għall-Ungerija 95 % tal-investimenti pubbliċi kollha huma kofinanzjati mill-UE[10]. L-evoluzzjoni ta' impenji pendenti ġiet marbuta mal-kapaċità ta' assorbiment tal-Istati Membri li jirċievu l-fondi. Xi esperti[11] rabtu l-kapaċità kumplessiva ta' assorbiment ma' tliet fatturi ewlenin: il-kapaċità makroekonomika (eż. ir-regoli attwali tal-politika ta' koeżjoni jippermettu t-trasferiment ta' fondi tal-UE li jammontaw għal 3,8 % tal-PDG tal-Istat Membru), il-kapaċità finanzjarja, jiġifieri l-abbiltà biex il-programmi u l-proġetti appoġġati mill-UE jiġu kofinanzjati u l-kapaċità amministrattiva, jiġifieri l-abbiltà tal-awtoritajiet ċentrali u lokali biex jimmaniġġjaw il-programmi u l-proġetti tal-UE.

**16**

Ir-regolament dwar il-politika agrikola komuni (PAK) stipula li l-Kummissjoni għandha awtomatikament tiddiżimpenja kwalunkwe porzjon tal-impenn baġitarju li ma kienx intuża sa tmiem it-tieni sena wara dik tal-impenn baġitarju[12].

**17**

Għall-koeżjoni, ir-regolament stabbilixxa dan il-perjodu għal sentejn - regola (n+2) - (u għal tliet snin - regola (n+3) - għall-impenji tal-2007 sal-2010 għal ċerti Stati Membri[13]). Bħala parti mill-miżuri għall-ġlieda kontra l-kriżi, fl-2011, ir-regola ta' diżimpenn awtomatiku fir-rigward tal-impenji tal-2007 ġiet emendata[14]. Barra minn hekk, kemm għall-koeżjoni kif ukoll għall-iżvilupp rurali, fl-2011, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw regolamenti li kienu jipprevedu żieda temporanja fir-rati ta' kofinanzjament mill-UE għall-Istati Membri li kienu qed jesperjenzaw diffikultajiet finanzjarji (inizjalment il-Greċja, l-Irlanda, il-Portugall, l-Ungerija, il-Latvja u r-Rumanija iżda aktar tard Spanja u Ċipru kienu wkoll koperti minn din il-miżura)[15].

**18**

Fl-aħħar nett, fl-2013, dispożizzjonijiet speċifiċi taw lir-Rumanija u lis-Slovakkja flessibbiltà addizzjonali għall-impenji tal-2011 u l-2012. Skont ir-regola (n+2) dawn l-allokazzjonijiet għandhom jintnefqu sa tmiem l-2013 u l-2014 rispettivament, iżda dawn iż-żewġ pajjiżi ngħataw sena oħra (sal-2014 u l-2015 rispettivament)[16]. Ir-rati ta' assorbiment ta' dawn il-pajjiżi fil-31 ta' Diċembru 2013 kienu madwar 40 % u 50 % rispettivament.

**19**

L-impenji li ma jiġux assorbiti, eventwalment, ikunu jeħtieġu li jiġu diżimpenjati. Madankollu, diżimpenji li saru sa tmiem l-2013 ma kinux sinifikanti. Fil-koeżjoni, l-ammont totali diżimpenjat taħt ir-regoli (n+2)/(n+3) sal-2013 kien EUR 250,5 miljun jew 0,19 % tal-mira kumulattiva 2012[17]. Għall-iżvilupp rurali, 0,14 % tal-mira kumulattiva 2012 ġie diżimpenjat.

**20**
Għall-qafas finanzjarju pluriennali 2000-2006, id-diżimpenji medji fil-koeżjoni (kif iddivulgat mill-Kummissjoni f'Mejju 2014) kienu ekwivalenti għal 1,76 % tal-impenji totali. (Minn dan 0,56 % rriżultaw mill-applikazzjoni tar-regola (n+2), u 1,2 % ġie deċiż fl-għeluq tal-programmi)[18].

**21**
L-eżistenza ta' pakketti nazzjonali fissi, li jistgħu jintilfu biss jekk ma jintnefqux, toħloq inċentiv għal livelli għoljin ta' nfiq. Mod wieħed ta' kif jiżdied l-iżborżament tal-fondi huwa bil-ħolqien ta' strumenti ta' inġinerija finanzjarja[19] previsti fil-leġiżlazzjoni settorjali u bit-trasferiment tal-fondi fihom. Hemm każijiet ta' fondi tal-UE li jibqgħu għal bosta snin fi strumenti ta' inġinerija finanzjarja qabel ma jiġu ttrasferit lil benefiċjarji finali. Id-DĠ AGRI fir-Rapport Annwali tal-Attività 2013 tiegħu esprima tali tħassib fir-rigward tas-sejbiet tal-missjoni tal-awditjar tiegħu fil-Bulgarija, u jiddikjara li d-dgħufijiet prinċipali kienu jikkonċernaw il-pagament bikri u għoli tal-pagamenti bil-quddiem u t-trasferiment bikri u għoli tal-kapital fil-fond ta' garanzija. L-awtoritajiet Bulgari ġew mistiedna jagħtu kwalunkwe spjegazzjoni għalfejn kienu jinħtieġu tali pagamenti bil-quddiem bikrin u għoljin u għalfejn kien jinħtieġ tali trasferiment bikri u għoli ħafna fil-fond ta' garanzija[20]. Il-Qorti sabet problemi simili fl-Italja (ara r-Rapport Speċjali Nru 2/2012, "L-istrumenti finanzjarji għall-SMEs kofinanzjati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali" il-Kaxxa 2).

# Ir-riżultati tal-awditjar tal-Qorti fl-agrikoltura u l-koeżjoni għall-2009-2013



## Ir-rati ta’ żball stmati fl-agrikoltura u l-koeżjoni għall-2009-2013

**22**
Il-pagamenti li saru fl-2007 u l-2008 (ħlief għal pagamenti bil-quddiem u għal għajnuna diretta u appoġġ għas-suq lill-bdiewa fl-agrikoltura) kienu fil-biċċa l-kbira relatati mal-qafas finanzjarju pluriennali 2000-2006. Għalhekk, sabiex tippreżenta riżultati konsistenti (b’mod partikolari fil-koeżjoni fejn ir-regoli kienu differenti bejn iż-żewġ perjodi), il-ħarsa ġenerali tkopri r-riżultati tal-awditjar għas-snin 2009-2013[21].

Graff 6

### Ir-rati ta’ żball stmati tal-Qorti għall-agrikoltura u l-koeżjoni għall-2009-2013




Mill-2011 ‘il quddiem, l-iżbalji ta’ kundizzjonalità ġew inklużi fil-kwantifikazzjoni tar-rata ta’ żball stmata għall-agrikoltura. Fl-2011, l-2012 u l-2013 din żiedet 0,2, 0,2 u 0,4 punti perċentwali rispettivament mal-livell ta’ żball stmat għall-agrikoltura. Iċ-ċifri għall-2009 u l-2010 ma jinkludux il-kwantifikazzjoni tal-iżbalji ta’ kundizzjonalità.

*Sors:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

**23**
Fis-snin 2009-2013, ir-rata tal-iżball l-aktar probabbli kemm għall-agrikoltura kif ukoll għall-koeżjoni baqgħu b'mod persistenti ogħla mil-livell limitu ta' materjalità ta' 2 %. Matul il-perjodu, ir-rata tal-iżball l-aktar probabbli għall-agrikoltura hija stmata f'livell ta' 3,7 % tal-fondi minfuqa, u f'livell ta' 6,0 % għall-koeżjoni. Flimkien, dan jagħti livell ta' żball ta' 4,6 % tal-infiq matul il-perjodu. Ir-rata ta' żball fiż-żewġ oqsma hija xprunata mill-fondi l-kbar (il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) fl-agrikoltura u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR)/il-Fond ta' Koeżjoni (FK) fil-koeżjoni) li jirrappreżentaw tliet kwarti mill-infiq f'kull qasam. Il-***Graff 6*** turi livell ġeneralment ogħla ta' żball għall-koeżjoni meta mqabbla mal-agrikoltura. Il-koeżjoni turi wkoll livell ogħla ta' fluttwazzjoni annwali. Fi ħdan l-infiq fl-agrikoltura, il-komponent il-kbir (appoġġ dirett u appoġġ għas-suq) juri livell aktar baxx ta' żball mill-komponent iżgħar tal-infiq fl-iżvilupp rurali. Din is-sitwazzjoni hija bl-oppost fl-infiq fil-koeżjoni, fejn il-FEŻR/FK juru livelli ġeneralment ogħla ta' żball milli juri l-Fond Soċjali Ewropew (FSE) (ara t-***Tabella 1***).

**24**
Fir-Rapport Annwali 2013 tagħha (ara l-Graffs 3.1, 4.1, 5.1 u 6.1) il-Qorti tippreżenta l-kontribut skont it-tip ta' żball għar-rata tal-iżball l-aktar probabbli għal valutazzjonijiet speċifiċi. Il-kategoriji ta' żball ippreżentati għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni 2013 huma, inġenerali, konsistenti ma' dawk għall-perjodu 2009-2013 kollu kemm hu.

## Agrikoltura: raba' ineliġibbli u bdiewa ineliġibbli jiddominaw it-tabella tal-iżbalji għall-agrikoltura

Graff 7

### Agrikoltura: kontribut għar-rata ta' żball stmata għall-2009-2013 skont it-tip




*Sors:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

# Ir-riżultati tal-awditjar tal-Qorti fl-agrikoltura u l-koeżjoni għall-2009-2013

## 25

L-akbar kontribut għal-livell kumplessiv ta’ żball (li jirrappreżenta madwar tnejn minn ħamsa tar-rata ta’ żball għall-agrikoltura) huwa “għadd ta’ ettari jew annimali eliġibbli ddikjarat b’mod eċċessiv” (il-***Graff 7***). Fi ħdan din il-kategorija ta’ żball, is-sottokategorija li hija ferm l-aktar importanti hija relatata ma’ “art ta’ mergħa permanenti” ineliġibbli. Taħt ir-regoli l-ġodda tal-PAK, ir-riskju ta’ żbalji ta’ dan it-tip jista’ jonqos billi d-definizzjoni ta’ bur permanenti ġiet estiża biex tkopri wkoll veġetazzjoni mhux erbaċea.

## 26

Il-Qorti regolarment issib każijiet ta’ art mingħajr l-ebda kopertura ta’ ħaxix jew li jkollha kopertura parzjali biss, li huma rreġistrati fid-database tas-Sistema ta’ Identifikazzjoni tal-Ħbula tar-Raba’ (LPIS) bħala mergħa permanenti eliġibbli. Dan iwassal għal pagament ta’ sussidju lil bidwi li mhuwiex intitolat li jirċievi dawn il-fondi tal-UE. L-aġenziji tal-pagamenti ma jsegwux b’mod rigoruż id-dgħufijiet identifikati fis-sistemi. Il-Qorti sabet dgħufijiet persistenti fl-esklużjoni ta’ art ineliġibbli mil-LPIS u fit-trattament amministrattiv ta’ klejms. Dan spiss irriżulta minn interpretazzjoni ħażina ta’ ortoimmaġnijiet jew mill-użu minn kriterji ta’ eliġibbiltà skorretti mill-awtoritajiet nazzjonali (ara l-paragrafu 3.27 tar-Rapport Annwali 2013).

## 27

It-tieni sors ta’ żball, l-aktar importanti (li jirrappreżenta madwar terz tar-rata ta’ żball għall-agrikoltura) huwa relatat ma’ benefiċjarji ineliġibbli, attivitajiet ineliġibbli jew infiq ineliġibbli. Il-biċċa l-kbira minn dawn l-iżbalji huma relatati ma’ skemi ta’ għajnuna mill-UE, li huma mmaniġġjati barra s-Sistema Integrata ta’ Amministrazzjoni u Kontroll (SIAK). Filwaqt li tali żbalji huma anqas frekwenti, ħafna drabi jkollhom impatt sinifikanti fil-livell ta’ tranżazzjonijiet individwali. Eżempji li nstabu huma relatati ma’ oġġetti ineliġibbli inklużi fil-klejms għar-rimborż tal-ispejjeż jew ma’ benefiċjarji li ma jissodisfawx il-kriterji ta’ eliġibbiltà (ara l-paragrafu 3.11 tar-Rapport Annwali 2013). Mhuwiex probabbli li r-riskju ta’ żbalji ta’ dan it-tip jitnaqqas b’mod sinifikanti permezz bil-bidliet li saru lill-PAK għall-perjodu l-ġdid.

## 28

Żbalji amministrattivi (li jirrappreżentaw madwar wieħed minn għaxra tar-rata ta’ żball għall-agrikoltura) huma relatati ma’ sitwazzjonijiet fejn l-applikant għall-għajnuna ma jkollux tort iżda fejn l-awtoritajiet nazzjonali wettqu żbalji fil-ġestjoni amministrattiva tal-iskemi ta’ għajnuna. Eżempji tipiċi ta’ tali żbalji huma allokazzjonijiet skorretti ta’ drittijiet għall-pagament, applikazzjoni skorretta jew nuqqas ta’ applikazzjoni ta’ tnaqqis tal-għajnuna u ta’ penali fl-algoritmu tal-kalkolu tal-għajnuna. Mhuwiex probabbli li r-riskju ta’ żbalji ta’ dan it-tip jitnaqqas b’mod sinifikanti bir-regoli l-ġodda u kumplessi tal-PAK.

## 29

Il-Qorti tqis ukoll li żviluppi fil-qafas legali għall-iżvilupp rurali u l-implimentazzjoni ta’ pjanijiet ta’ azzjoni jista’ jkollhom impatt pożittiv fuq il-livelli ta’ żball.

## Koeżjoni: il-ksur ta’ regoli tal-akkwist kien l-akbar kawża unika ta’ żball

Graff 8

### Koeżjoni: kontribut għar-rata ta’ żball stmata għall-2009-2013 skont it-tip




*Sors:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

**30**

Ir-regoli tal-akkwist pubbliku huma strument ewlieni għall-infiq ta’ fondi pubbliċi b’mod ekonomiku u effettiv u għall-istabbiliment ta’ suq intern fi ħdan l-UE. Nuqqasijiet serji fil-konformità ma’ dawn ir-regoli jirriżultaw fi żbalji kwantifikabbli[22]. Tali żbalji kwantifikabbli jikkostitwixxu kważi nofs ir-rata ta’ żball stmata għall-koeżjoni għall-perjodu (il-***Graff 8***). Dawn jinkludu każijiet fejn il-kuntratti jiġu attribwiti mingħajr sejħiet għall-offerti, irregolaritajiet fil-valutazzjoni tal-offerti, speċifikazzjoni jew pubblikazzjoni tal-offerti u l-użu minn proċeduri tal-offerti mhux xierqa. Il-Kummissjoni indikat li, maż-żmien, is-simplifikazzjoni tar-regoli introdotti bid-direttiva l-ġdida dwar l-akkwist pubbliku[23] għandha tgħin biex jitnaqqsu l-iżbalji kkawżati mill-applikazzjoni skorretta tar-regoli tal-akkwist pubbliku fl-immaniġġjar tal-fondi tal-UE (Mistoqsijiet Frekwenti dwar ir-reviżjoni tad-direttivi dwar l-akkwist pubbliku[24])[25].

**31**

L-ispejjeż ineliġibbli jikkontribwixxu aktar minn kwart tar-rata ta’ żball għall-koeżjoni għall-perjodu. L-infiq ikun eliġibbli għal kontribuzzjoni mill-fondi, fil-każ biss fejn ikun iġġarrab għal operazzjonijiet li jiġu deċiżi mill-awtorità maniġerjali tal-programm operazzjonali kkonċernat jew li jkun taħt ir-responsabbiltà tagħha, skont kriterji ffissati mill-kumitat ta’ monitoraġġ. Meta jiddikjaraw l-ispejjeż lill-Kummissjoni, l-awtoritajiet nazzjonali jkunu qed jiċċertifikaw li dawn l-ispejjeż ikunu ġġarrbu f’konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-regolament u/jew fir-regoli nazzjonali ta’ eliġibbiltà. Għall-FSE, li prinċipalment jikkonsisti fi proġetti fuq skala żgħira ta’ natura intanġibbli, l-infiq ineliġibbli huwa s-sors prinċipali ta’ żbalji. B’mod partikolari, il-Qorti sabet eżempji ta’ debitar eċċessiv tal-ispejjeż ġenerali, spejjeż iddikjarati b’mod eċċessiv (għal bosta raġunijiet, eż. parteċipanti ineliġibbli, anqas parteċipanti milli ddikjarat, dikjarazzjoni eċċessiva ta’ spejjeż għall-persunal) u spejjeż ikkalkulati b’mod skorrett. Il-Kummissjoni tistenna li l-użu estiż minn possibbiltajiet ta’ spejjeż simplifikati jnaqqas żbalji ta’ dan it-tip.

32
Kważi kwart tar-rata ta' żball għall-koeżjoni għall-perjodu joriġina fi proġetti jew f'benefiċjarji li jkunu kisru l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà stipulati fir-regolamenti u/jew fir-regoli nazzjonali.

33
L-għajnuna mill-Istat titqies inkompatibbli mas-suq intern meta jkollha effett distorsiv fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri. Il-Kummissjoni, flimkien mal-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni fl-Istati Membri, tinforza direttament ir-regoli tal-UE dwar il-kompetizzjoni. Għajnuna mogħtija mir-riżorsi tal-Istat tista' titqies kompatibbli jekk l-għotjiet jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet. Ix-xogħol tal-awditjar tal-Qorti identifika bosta każijiet fejn, skont ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, il-benefiċjarji ma kellhom jirċievu l-ebda finanzjament pubbliku jew kellhom jirċievu anqas. Il-ksur tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat jista' jirriżulta fi spiża ineliġibbli u fi proġetti/benefiċjarji ineliġibbli.

## Il-Kummissjoni tipprovdi żewġ sorsi ta' informazzjoni dwar id-distribuzzjoni ġeografika tal-problemi li identifikat

34
Il-Kummissjoni tipprovdi tali informazzjoni f'żewġ modi:

- fir-rapporti annwali tal-attività tad-DĠ tagħha, tagħmel disponibbli informazzjoni vvalidata dwar id-distribuzzjoni tal-ammonti f'riskju, ibbażata fuq *data* pprovduta mill-awtoritajiet nazzjonali (ara l-***Graffs 9, 12*** u ***13***[26]);

- għal għadd ta' snin hija ppreżentat l-informazzjoni dwar id-distribuzzjoni ġeografika tal-"korrezzjonijiet finanzjarji". Il-Kummissjoni tindika li dan ma jistax jinftiehem bħala indikatur tad-distribuzzjoni ta' żbalji bejn l-Istati Membri iżda, primarjament, bħala indikatur tad-dgħufijiet fis-sistemi li jistgħu jwasslu għal żbalji (ara l-***Graff 10***).

35
Din l-informazzjoni, li tintwera fil-***Graffs 9*** u ***10***, hija differenti fil-karattru u fis-sors:

- Id-distribuzzjoni tal-ammonti f'riskju, skont l-Istat Membru, hija inkluża fir-Rapporti Annwali tal-Attività 2013 tad-DĠ li huma responsabbli għall-biċċa l-kbira mill-infiq taħt ġestjoni kondiviża. Il-bażi għall-ammonti f'riskju huma rapporti dwar spezzjonijiet agrikoli u rapporti mill-awtoritajiet tal-awditjar (koeżjoni) aġġustati abbażi tal-valutazzjoni proprja tad-DĠ dwar il-kwalità u l-affidabbiltà ta' dawn ir-rapporti (ara l-***Graffs 12*** u ***13***).

- Il-korrezzjonijiet finanzjarji, skont in-Nota 6 tal-kontijiet konsolidati tal-UE, jagħtu indikazzjoni tal-ammonti suġġetti għal miżuri korrettivi għas-snin 2007-2013 (ara l-paragrafu 55).

## Graff 9

### Distribuzzjoni tal-ammonti f'riskju, skont l-Istat Membru, kif jidher fir-rapporti annwali tal-attività tad-DĠ AGRI, id-DĠ EMPL u d-DĠ REGIO (2013) skont l-Istat Membru




L-ammonti f'riskju ppreżentati fir-rapporti annwali tal-attività tad-DĠ AGRI, id-DĠ EMPL u d-DĠ REGIO għas-sena 2013 jammontaw għal 3,0 % tal-infiq (ara t-***Tabella 1***). Billi l-Kummissjoni biddlet l-approċċ tagħha, iċ-ċifri fuq perjodu itwal mhumiex kumparabbli.

*Sors:* Ir-rapporti annwali tal-attività tad-DĠ AGRI, id-DĠ EMPL u d-DĠ REGIO (il-Kummissjoni Ewropea). Ara wkoll l-***Graffs 12*** u ***13***.

## 36

Hemm dgħufijiet fid-*data* li fuqha hija bbażata din l-informazzjoni (ara l-paragrafi 53 sa 60, 67 sa 70 u 81 sa 88). Barra minn hekk, iċ-ċifri tal-Kummissjoni juru livell ogħla ta' żball fl-agrikoltura milli fil-koeżjoni (ara t-***Tabella 1***), filwaqt li x-xogħol tal-Qorti jissuġġerixxi l-oppost (ara l-***Graff 6***). Dan jirrifletti parzjalment il-metodoloġija li tvarja tal-Kummissjoni għall-kwantifikazzjoni tal-impatt ta' miżuri korrettivi bejn l-agrikoltura u l-koeżjoni. B'mod aktar sinifikanti, il-livell kumplessiv ta' żball huwa wisq ogħla fl-analiżi tal-Qorti, (ara l-***Graff 6***), mill-istima tal-Kummissjoni (ara l-***Graff 9*** u t-***Tabella 1***).

## 37

Fil-***Graff 9***, il-Qorti ġabret flimkien informazzjoni mir-rapporti annwali tal-attività ta' diversi DĠ li jipprovdu informazzjoni dwar l-ammonti f'riskju, kemm f'termini relattivi kif ukoll f'dawk assoluti. Id-diviżjonijiet fuq iċ-ċart jirrappreżentaw ammonti f'riskju stmati, f'termini assoluti. Madankollu, l-istimi tal-ammonti assoluti ta' żball, min-natura tagħhom, ma jiħdux inkunsiderazzjoni l-ammont u d-distribuzzjoni tal-infiq. L-akbar riċevituri ta' pagamenti mill-UE, pereżempju, il-Polonja (l-akbar riċevitur fil-koeżjoni) u Franza (l-akbar riċevitur fl-agrikoltura), (ara l-***Anness 1***) jidhru bħala l-akbar sors ta' ammont f'riskju fil-biċċa l-kbira għaliex iridu jimmaniġġjaw kwantitajiet tant kbar ta' fondi. Bl-istess mod, fil-***Graff 10***, il-volum aggregat ta' "korrezzjonijiet finanzjarji", bħalma nġabar flimkien mill-informazzjoni kontabilistika tal-Kummissjoni, fih innifsu jipprovdi informazzjoni limitata dwar is-suċċess relattiv tal-awtoritajiet nazzjonali fl-immaniġġjar ta' fondi tal-UE.

Graff 10

## Distribuzzjoni tal-"korrezzjonijiet finanzjarji" implimentati fis-snin 2007-2013 mid-DĠ AGRI, id-DĠ EMPL u d-DĠ REGIO skont id-dikjarazzjonijiet finanzjarji tal-Unjoni Ewropea




Bħalissa, ripartizzjoni kumulattiva biss hija disponibbli. Il-korrezzjonijiet finanzjarji li saru fis-snin 2007-2013 jammontaw għal total ta' EUR 14,0 biljun, li huwa madwar 2 % tal-pagamenti li saru f'dawk is-snin għall-agrikoltura u l-koeżjoni.

*Sors:* Il-Kontijiet Konsolidati 2013 tal-UE, *data* mis-sistema kontabilistika għan-Nota 6 tal-kontijiet.

## Ix-xogħol tal-awditjar tal-Qorti jirrifletti l-volum tal-nfiq tal-UE fl-Istati Membri, taħt ġestjoni kondiviża

### 38

Il-kampjun annwali tal-Qorti, meħud għall-awditu tad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni huwa mfassal biex jappoġġa konklużjoni dwar jekk il-livelli ta' żball humiex materjali jew le fl-infiq tal-UE meħud fl-intier tiegħu, u għal oqsma ewlenin ta' nfiq. Il-metodoloġija użata tipprovdi rata ta' żball stmata għall-infiq tal-UE fl-intier tiegħu.

### 39

L-ittestjar ta' pagamenti kampjunati huwa mod effettiv u effiċjenti, li huwa meħtieġ għall-kisba ta' sejbiet li fuqhom trid tiġi bbażata l-opinjoni kumplessiva tal-Qorti, u l-valutazzjonijiet speċifiċi. Il-metodoloġija tal-kampjunar użata mill-Qorti għandha l-konsegwenza li xogħol imwettaq f'kull Stat Membru huwa fuq perjodu itwal, proporzjonat mal-ammont minfuq (ara l-***Graff 11***, fejn hemm ippreżentata d-distribuzzjoni relattiva tal-2 920 tranżazzjoni eżaminata għas-snin 2009-2013)[27].

Graff 11

## Distribuzzjoni relattiva tal-infiq u tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet tal-Qorti fuq l-agrikoltura u l-koeżjoni matul is-snin 2009-2013




*Sors:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri u r-rapporti dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja għall-2007–2013.

## Informazzjoni aħjar hija disponibbli għall-11-il Stat Membru li jirrappreżentaw aktar minn 80 % tal-infiq taħt ġestjoni kondiviża

### 40

L-***Annessi 2-4*** jippreżentaw il-frekwenza ta' żbalji maqbuda fis-snin 2009-2013 f'kampjuni magħżula mill-Qorti fi Stati Membri differenti. Id-*data* tiġi ddivulgata f'aggregat għall-agrikoltura u l-koeżjoni (l-***Anness 2***), u separatament għall-agrikoltura (l-***Anness 3***) u l-koeżjoni (l-***Anness 4***). L-analiżi ta' din id-*data* turi li:

- Instabu żbalji fil-kampjuni meħuda fl-Istati Membri kollha.
- Kważi nofs it-tranżazzjonijiet kampjunati kienu affettwati minn xi ksur tar-rekwiżiti legali.
- Aktar minn kwart tat-tranżazzjonijiet kampjunati kienu jinvolvu pagamenti eċċessivi jew żbalji kwantifikabbli simili, li madwar tliet kwarti minnhom ammontaw sa 20 % tal-valur tat-tranżazzjoni eżaminata, filwaqt li l-bqija kienu' bejn l-20 % u l-100 % tal-valur tat-tranżazzjoni.

41
Ħdax-il Stat Membru (il-Polonja, Spanja, Franza, il-Ġermanja, l-Italja, il-Greċja, ir-Renju Unit, il-Portugall, l-Ungerija, ir-Repubblika Ċeka u r-Rumanija, li għalihom 2 376 tranżazzjoni[28] ġew eżaminati fis-snin 2009-2013), jirrappreżentaw aktar minn 80 % tal-infiq taħt ġestjoni kondiviża fis-snin 2009-2013 (ara l-***Graff 11***), li ammontaw għal total ta' EUR 507 biljun. Għal dan il-grupp, meħud fl-intier tiegħu, is-sehem tal-iżbalji b'impatt għoli (kwantifikati bejn 80 % u 100 % tal-valur tat-tranżazzjoni ttestjata) jikkonforma b'mod wiesa' mas-sehem kumplessiv tal-infiq tiegħu.

42
Fi ħdan kull wieħed minn dawn l-Istati Membri:

- Mill-anqas terz tat-tranżazzjonijiet eżaminati kienu jinvolvu xi ksur tar-rekwiżiti legali.
- Mill-anqas wieħed minn sebgħa (u spiss ħafna aktar) tat-tranżazzjonijiet eżaminati kienu jinvolvu pagamenti eċċessivi u żbalji kwantifikabbli simili.

## Il-fatt li l-Qorti ssib żbalji b'mod tant frekwenti huwa illustrazzjoni tal-kumplessità tar-regoli ta' eliġibbiltà u tas-sistemi ta' ġestjoni għall-programmi ta' nfiq tal-UE

43
Il-livelli ta' irregolarità huma materjali f'kull wieħed minn dawn il-11-il Stat Membru (ara l-paragrafu 41), kif ukoll fis-17-il Stat Membru li jifdal, meħuda flimkien. Matul il-perjodu kopert minn din il-ħarsa ġenerali, il-Qorti eżaminat ħafna sistemi ta' kontroll f'dawn l-Istati Membri u fil-biċċa l-kbira kkonkludiet li dawn huma "parzjalment effettivi". Il-fatt li, minkejja din il-klassifikazzjoni ta' sistemi, il-Qorti ssib żbalji fi kważi nofs it-tranżazzjonijiet li teżamina juri, fost l-oħrajn, il-kumplessità tar-regoli ta' eliġibbiltà u tas-sistemi ta' ġestjoni għall-programmi ta' nfiq tal-UE.

44
Il-Qorti tagħżel il-kampjuni ppreżentati fl-***Annessi 2-4*** bl-użu mill-metodu ta' kampjunar tal-unità monetarja. B'dan il-metodu kull euro, aktar milli tranżazzjoni, huwa unità unika ta' kampjunar, u għandu l-istess ċans li jintgħażel. L-approċċ tal-Qorti mhuwiex imfassal biex tinġabar *data* dwar il-frekwenza fil-popolazzjoni. Għalhekk, iċ-ċifri ppreżentati fl-***Annessi 2-4*** mhumiex indikazzjoni tal-frekwenza ta' żball fi tranżazzjonijiet iffinanzjati mill-UE fl-intier tagħhom jew fi Stati Membri individwali. L-approċċ tal-kampjunar tagħna japplika ponderazzjoni differenti għal tranżazzjonijiet differenti li tirrifletti l-valur tal-infiq ikkonċernat u l-intensità tax-xogħol tal-awditjar. Din il-ponderazzjoni titneħħa f'tabella tal-frekwenza, li għaldaqstant tagħti l-istess ponderazzjoni lill-iżvilupp rurali bħalma tiagħti lill-FAEG fl-agrikoltura u l-istess ponderazzjoni lill-FSE bħalma tagħti lill-FEŻR/FK fil-koeżjoni. B'riżultat ta' dan, il-frekwenza relattiva ta' żbalji fil-kampjuni meħuda fi Stati Membri differenti ma tistax tkun gwida għal-livell relattiv ta' żball fi Stati Membri differenti.

**45**
Dan jintwera minn tqabbil tar-riżultati għall-agrikoltura u l-koeżjoni (ara l-***Annessi 3*** u ***4***). Pagamenti eċċessivi u żbalji kwantifikabbli oħra fl-agrikoltura ġew innutati fi kważi terz tal-pagamenti għall-agrikoltura kampjunati, għall-kuntrarju ta' anqas minn wieħed minn ħamsa tal-pagamenti għall-koeżjoni eżaminati. Madankollu, ir-riżultati tal-Qorti fuq għadd ta' snin jissuġġerixxu li l-iżball għandu impatt akbar fuq l-infiq fil-koeżjoni (6 % matul dan il-perjodu fl-intier tiegħu) milli fuq dak fl-agrikoltura (3,7 % matul il-perjodu).

**46**
Karatteristika tal-pagamenti ta' sussidji għall-agrikoltura, eżaminati mill-Qorti, kienet id-dikjarazzjonijiet eċċessivi frekwenti iżda ġeneralment relattivament żgħar, tal-erjas li fuqhom huma bbażati s-sussidji. Dan jidher fis-sejbiet għal Franza (l-akbar riċevitur għall-agrikoltura). It-tranżazzjonijiet tal-agrikoltura eżaminati fi Franza juru l-ogħla frekwenza ta' żbalji kwantifikabbli (li jammontaw għal kważi wieħed minn tnejn tat-tranżazzjonijiet eżaminati). Madankollu, il-maġġoranza l-kbira huma żbalji fit-tarf aktar 'l isfel tal-firxa. Fil-koeżjoni, wieħed minn ħamsa tal-iżbalji kwantifikabbli kollha nstabu fi Spanja (it-tieni l-akbar riċevitur fil-koeżjoni), li kienu jirrappreżentaw terz tal-iżbalji kwantifikabbli b'impatt għoli (kwantifikati bejn 80% u 100 % tal-valur tat-tranżazzjoni ttestjata).

**47**
Ħafna żbalji nħolqu għaliex l-arkitettura kumplessiva ta' ġestjoni u kontroll hija kumplessa. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom ikomplu jfittxu opportunitajiet biex jissimplifikawha (ara l-paragrafu 31). Madankollu, sad-anittant, l-esperjenza turi li l-Istati Membri kienu esperjenzaw diffikultajiet fl-immaniġġjar tas-sistema attwali u, għaldaqstant, fl-implmentazzjoni tal-politika. L-isforzi li qed isiru fl-Istati Membri biex is-sitwazzjoni titejjeb jeħtieġ li jkomplu.

# Valutazzjoni tar-rwol superviżorju tal-Kummissjoni



## Il-qafas kumpless ta' kontroll għall-infiq tal-UE taħt ġestjoni kondiviża

### 48

Il-qafas ta' superviżjoni u kontroll kemm fil-koeżjoni kif ukoll fl-agrikoltura, kif jintwera fl-***Anness 5***, huwa kumpless. Il-Kummissjoni tikkondividi r-responsabbiltà għall-implimentazzjoni tal-politika agrikola u ta' koeżjoni mal-Istati Membri. Il-biċċa l-kbira mill-infiq huwa għaldaqstant amministrat u mħallas mill-awtoritajiet nazzjonali jew lokali, li r-rwoli u l-proċeduri ta' kontroll tagħhom huma stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-UE. Dawn l-awtoritajiet iwettqu kontrolli amministrattivi, skont ir-rekwiżiti tal-UE, fuq l-applikazzjonijiet għall-għajnuna u t-talbiet għar-rimborżi sabiex jivverifikaw l-eliġibbiltà tagħhom. Huma jridu wkoll iżuru għadd sinifikanti ta' benefiċjarji u ta' proġetti biex jeżaminaw l-użu li jsir mill-fondi. L-Istati Membri jużaw ir-riżultati ta' dawn il-kontrolli biex inaqqsu jew jirrifjutaw pagamenti lil bosta benefiċjarji. Fl-agrikoltura huma jridu jirrappurtaw ir-riżultati tal-kontrolli tagħhom lill-Kummissjoni kull sena.

### 49

Il-korpi tal-awditjar li huma funzjonalment indipendenti (fl-agrikoltura: il-korpi taċ-ċertifikazzjoni; fil-koeżjoni: l-awtoritajiet tal-awditjar) maħtura mill-Istati Membri jirrappurtaw dwar il-kwalità tas-sistemi ta' kontroll li l-awtoritajiet stabbilixxew u dwar il-kumpilazzjoni ta' statistika dwar l-ispezzjonijiet. Fl-agrikoltura huma jiċċertifikaw kull sena l-affidabbiltà tal-kontijiet lill-Kummissjoni u fil-koeżjoni jipprovdu rapport annwali ta' kontroll.

### 50

Għalkemm il-proċessi għall-agrikoltura u l-koeżjoni huma simili, għandhom xi karatteristiċi distinti. Fil-koeżjoni, il-Kummissjoni tirċievi mill-awtoritajiet tal-awditjar, rapport annwali ta' kontroll inkluża opinjoni tal-awditjar u rata ta' żball. Fl-agrikoltura, il-korpi taċ-ċertifikazzjoni se jipprovdu informazzjoni simili għall-perjodu 2014-2020.

### 51

Fl-agrikoltura, hemm proċedura annwali ta' approvazzjoni finanzjarja u proċedura pluriennali ta' approvazzjoni tal-konformità. Fil-koeżjoni, proċess simili se jiġi applikat lill-programmi operazzjonali li nbdew taħt il-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020. Il-valutazzjoni mill-Qorti tas-superviżjoni mill-Kummissjoni ħadet dawn id-differenzi inkunsiderazzjoni.

### 52

Ir-Rapporti Annwali għall-2009 u l-2012[29] iddiskutew ir-rwol tal-miżuri korrettivi. Miżuri korrettivi jistgħu jiġu applikati mill-Istati Membri qabel jew wara li jsir pagament. Dawk ta' qabel pagament jinkludu kontrolli amministrattivi ta' klejms tal-benefiċjarji mill-awtoritajiet nazzjonali u żjarat ta' spezzjoni, filwaqt li dawk ta' wara pagament jinkludu rkupri minn benefiċjarji mill-Istati Membri[30] u rtirar tal-pagament (ara l-paragrafu 79).

## Ir-rwol tal-"korrezzjonijiet finanzjarji"

### 53
Ix-xogħol superviżorju tal-Kummissjoni jvarja minn kontrolli amministrattivi ta' klejms introdotti mill-Istati Membri sa eżaminar mill-Kummissjoni tas-sistemi ta' kontroll. Meta l-Kummissjoni ssib, pereżempju, li l-elementi ewlenin ikunu neqsin mis-sistemi, hija tkun trid timponi "korrezzjoni finanzjarja". Il-Qorti ddiskutiet ir-rwol tal-"korrezzjonijiet finanzjarji" fir-Rapporti Annwali 2009, 2012 u 2013[31].

### 54
Fis-snin 2007-2013, il-"korrezzjonijiet finanzjarji" għall-infiq fl-agrikoltura u l-koeżjoni, imposti mill-Kummissjoni f'konformità mal-qafas legali applikabbli, fil-prattika, ma naqqsux il-pagamenti lill-benefiċjarji finali.

- Għall-agrikoltura, il-korrezzjonijiet finanzjarji jipproduċu dħul assenjat[32]. Dan id-dħul assenjat huwa ffinanzjat mill-"korrezzjonijiet finanzjarji" tal-Istati Membri li jiġu imposti u jikkontribwixxi għall-finanzjament tal-baġit attwali.

- Għall-koeżjoni, l-awtoritajiet nazzjonali kienu intitolati jiddikjaraw proġetti addizzjonali li kkumpensaw għall-korrezzjonijiet finanzjarji applikati. Il-Kummissjoni mbagħad, wara l-kontrolli normali, ħallset lill-Istat Membru kkonċernat id-differenza bejn il-klejm il-ġdida/il-klejms il-ġodda u l-"korrezzjoni finanzjarja".

L-irkupru mill-benefiċjarji finali huwa r-responsabbiltà tal-Istati Membri.

### 55
Il-Qorti kkummentat qabel dwar it-tul ta' żmien involut fl-implimentazzjoni tal-"korrezzjonijiet finanzjarji". Ħafna "korrezzjonijiet finanzjarji" jsiru bosta snin wara l-iżborżament inizjali tal-fondi[33].

### 56
Il-Kummissjoni tipprovdi informazzjoni dwar il-"korrezzjonijiet finanzjarji" u l-irkupri fil-kontijiet konsolidati annwali tal-UE (in-Nota 6 b'mod partikolari) u mill-2012 'il quddiem f'komunikazzjoni dedikata lill-Parlament Ewropew[34].

57
Fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni[35] l-informazzjoni kumulattiva skont l-Istat Membru (f'termini assoluti u relattivi) għall-agrikoltura tkopri d-deċiżjonijiet kollha tal-Kummissjoni għall-1999-2013. Għall-koeżjoni, l-informazzjoni kumulattiva skont l-Istat Membru (f'termini assoluti u relattivi) hija pprovduta kemm għall-perjodu 2000-2006 kif ukoll għall-perjodu 2007-2013. L-azzjoni korrettiva għall-perjodu 2000-2006 għadha għaddejja u l-biċċa l-kbira mill-korrezzjonijiet saru fi snin reċenti. Fuq il-bażi tal-informazzjoni ppreżentata, id-distribuzzjoni f'termini assoluti tal-"korrezzjonijiet finanzjarji" hija kkonċentrata fuq għadd limitat ta' Stati Membri. Għall-agrikoltura it-tlieta ta' fuq nett huma l-Greċja, l-Italja u Spanja (61 % tal-korrezzjonijiet, bi 32 % tal-pagamenti għall-1999-2013). Għall-koeżjoni, għall-perjodu 2000-2006, l-istess Stati Membri jinsabu fuq nett, iżda f'ordni differenti (83 % tal-korrezzjonijiet għal 45 % tal-kontribuzzjoni mill-UE għall-perjodu 2000-2006) (ara l-***Graff 10***).

## Il-livell ta' żball fl-2013 irrappurtat mill-Qorti kien ikun 1,6 % ogħla, li kieku ma kienet ħadet l-ebda kont tal-miżuri korrettivi

58
Ir-Rapporti Annwali 2009 u 2012 jispjegaw kif il-Qorti tieħu kont tal-mekkaniżmi korrettivi differenti. L-aġġustamenti kollha tal-Istati Membri qabel ma jsir il-pagament jittieħdu inkunsiderazzjoni, bħalma jittieħdu inkunsiderazzjoni dawk il-korrezzjonijiet b'impatt kwantifikabbli fil-livell tal-proġetti, li jkunu saru wara pagament mill-Kummissjon, iżda li jkunu saru qabel l-eżaminar mill-Qorti. Il-Qorti tiċċekkja l-applikazzjoni ta' dawn il-korrezzjonijiet (li jinkludu rkupri mill-benefiċjarji u korrezzjonijiet dettaljati fil-livell tal-proġetti) u teskludihom mir-rata ta' żball kull meta dan ikun xieraq.

59
Fir-Rapport Annwali 2013 tagħha, il-Qorti kkalkulat li mingħajr l-applikazzjoni ta' dawn il-mekkaniżmi korrettivi mill-awtoritajiet fl-Istati Membri u l-Kummissjoni, ir-rata ta' żball irrappurtata għat-tranżazzjonijiet kampjunati kienet tkun 1,6 punti perċentwali ogħla[36]. Tranżazzjonijiet li kienu ġew totalment esklużi b'riżultat tal-kontrolli mill-Istati Membri, min-natura tagħhom, ma jistgħux jiġu kwantifikati.

60
Madankollu, l-awtoritajiet fl-Istati Membri kellhom informazzjoni suffiċjenti disponibbli, għal tranżazzjonijiet addizzjonali, biex jaqbdu u jikkoreġu ħafna żbalji qabel ma jitolbu rimborż mill-Kummissjoni[37].

## Il-valutazzjoni mill-Kummissjoni hija inizjalment ibbażata fuq id-*data* tal-Istati Membri

**61**
Il-Kummissjoni tuża statistika dwar l-ispezzjonijiet tal-aġenziji tal-pagamenti (agrikoltura) u rati ta' żball ivvalidati u rrappurtati mill-awtoritajiet tal-awditjar (koeżjoni) bħala bażi għall-kalkolu ta' "rata tal-iżball residwu". Din hija meqjusa li tirrappreżenta l-impatt finanzjarju, espress bħala perċentwal tal-ammont ta' pagamenti, tal-irregolaritajiet fil-pagamenti li jsiru wara li jkunu twettqu l-kontrolli kollha. Fil-koeżjoni, ir-"rata tal-iżball residwu"[38] tieħu inkunsiderazzjoni l-korrezzjonijiet finanzjarji mill-bidu tal-perjodu 2007-2013. Din tinkludi korrezzjonijiet diġà implimentati fil-livell tal-UE u/jew f'dak nazzjonali, kif ukoll "korrezzjonijiet finanzjarji" pendenti. Il-Kummissjoni tippubblika ċifri konsolidati minn dan il-proċess fir-rapporti annwali tal-attività tad-Direttorati Ġenerali.

**62**
Minkejja t-titjib fir-rappurtar mill-Kummissjoni tar-riskju fi snin reċenti, l-istima 2013 tagħha tal-ammonti f'riskju għad-DĠ REGIO (2,8 %) u l-istima kkombinata għall-ġestjoni kondiviża kollha (3,0 %) huma sinifikattivament aktar baxxi mil-livelli ta' żball stmati tal-Qorti (ara t-***Tabella 1***). Għandu jiġi nnutat li ċ-ċifri tal-Kummissjoni huma bbażati fuq analiżi tal-informazzjoni statistika pprovduta mill-awtoritajiet fl-Istati Membri u miżjuda għal skopijiet ta' ġestjoni abbażi ta' ġudizzju professjonali.

**Tabella 1**

### Ir-riżultati tal-awditjar tal-QEA għall-2013 imqabbla ma' stimi tal-ammonti f'riskju fir-Rapporti Annwali tal-Attività 2013 tad-DĠ AGRI, id-DĠ EMPL u d-DĠ REGIO

| Kapitolu tar-Rapport Annwali | Rata tal-iżball l-aktar probabbli (MLE) 2013 (%) | Intervall ta' fiduċja (%) | | Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għar-rapporti annwali tal-attività | Ammont f'riskju (%) | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Limitu inferjuri tal-iżball (LEL) | Limitu superjuri tal-iżball (UEL) | | Stima | Limitu superjuri |
| Agrikoltura: suq u appoġġ dirett | **3,6** | 1,7 | 5,5 | AGRI | **2,7** | - |
| Żvilupp rurali, ambjent, sajd u saħħa | **6,7** | 3,5 | 9,9 | AGRI | **5,2** | - |
| Politika reġjonali, trasport u enerġija | **6,9** | 3,7 | 10,1 | REGIO | **2,8** | 5,3 |
| Impjiegi u affarijiet soċjali | **3,1** | 1,5 | 4,7 | EMPL | **2,6** | 3,5 |
| **Total** | **5,2** | 4,0 | 6,3 | Flimkien | **3,0** | - |

*Sors:* Ir-Rapport Annwali 2013 tal-QEA

*Sors:* Il-Kummissjoni - ir-Rapporti Annwali tal-Attività 2013.

Il-Qorti kkalkulat l-intervall ta' fiduċja f'livell ta' 95 % (ara l-Anness 1.1 tar-Rapport Annwali 2013). Id-DĠ EMPL ikkalkula l-limitu superjuri b'intervall ta' fiduċja ta' 90 %. Id-DĠ REGIO ma pprovdiex *data* dwar l-intervall ta' fiduċja fir-Rapport Annwali tal-Attività 2013 tiegħu. Li kieku l-Qorti wkoll użat intervall ta' fiduċja ta' 90 %, l-LEL kien ikun ogħla u l-UEL kien ikun aktar baxx minn dak li jidher bħalissa fit-tabella. Fir-rapport annwali tal-attività tagħhom, id-DĠ EMPL u d-DĠ REGIO jippreżentaw ċifri li ġew ibbażati fuq l-eżaminar, mill-awtoritajiet tal-awditjar, tal-infiq għall-2012. Iċ-ċifri tal-Qorti għar-rata tal-iżball l-aktar probabbli għall-2012 fil-politika reġjonali u tal-impjiegi kienu madwar 0,1 punti perċentwali ogħla minn dawk għall-2013, l-LEL u l-UEL kienu 3,7 % u 9,9 % għall-politika reġjonali u l-1,4 % u 5,2 % għal dik tal-impjiegi.

## 63

Ir-riżultati tal-awditjar tal-Qorti għal kull sena mill-2009 sal-2013 juru li kien hemm livell materjali ta' żball għall-koeżjoni u l-agrikoltura, u li l-koeżjoni kienet aktar suxxettibbli għal żball (ara l-paragrafu 23). Kif jidher fit-***Tabella 1***, l-istimi tal-Kummissjoni għall-2013 jindikaw li hija tikkonkludi li l-iżball huwa ogħla fl-agrikoltura milli fil-koeżjoni. Dan jirrifletti parzjalment il-metodoloġija li tvarja tal-Kummissjoni għall-kwantifikazzjoni tal-impatt ta' miżuri korrettivi bejn l-agrikoltura u l-koeżjoni.

## 64

Il-***Graffs 12*** u ***13*** juru l-pagamenti lill-Istati Membri għall-2013 (f'miljun EUR), l-istima 2013 tal-Kummissjoni tal-ammonti f'riskju (f'miljun EUR) f'dawn l-Istati Membri u tal-perċentwal tal-fondi f'riskju. Il-graffs huma f'ordni dekrexxenti tal-perċentwal tal-fondi f'riskju.

Graff 12

### Il-FAEG u l-FAEŻR: Ammonti mħallsa lill-Istati Membri u stimi tal-Kummissjoni tal-ammonti u tal-perċentwal tal-fondi "f'riskju" skont l-Istat Membru (*data* tas-sors inkluża fir-Rapport Annwali tal-Attività 2013 tad-DĠ Agrikoltura u Żvilupp Rurali)




*Sors:* Ir-Rapport Annwali tal-Attività tad-DĠ AGRI (il-Kummissjoni Ewropea).

**Graff 13**

**Il-FEŻR, l-FSE u l-FK: Ammonti mħallsa lill-Istati Membri u stimi tal-Kummissjoni tal-ammonti u tal-perċentwal tal-fondi "f'riskju" skont l-Istat Membru (*data* tas-sors inkluża fir-Rapporti Annwali tal-Attività 2013 tad-DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni u d-DĠ Politika Reġjonali u Urbana)**




*Sors:* Ir-Rapporti Annwali tal-Attività tad-DĠ EMPL u d-DĠ REGIO (il-Kummissjoni Ewropea).

**65**

Il-Kummissjoni tiġbor fil-qosor l-elementi prinċipali minn dawn ir-rapporti annwali tal-attività fir-rapport ta' sinteżi. Fir-Rapport ta' Sinteżi 2013, il-Kummissjoni tistma l-impatt ta' nfiq irregolari f'livell ta' 2,8 % tal-infiq tal-UE fl-intier tiegħu. Dan jirriżulta fi 3,0 % għall-agrikoltura u l-koeżjoni (ara t-***Tabella 1***).

## Is-superviżjoni tal-infiq fl-agrikoltura mill-Kummissjoni

66
Il-Kummissjoni teżerċita r-rwol superviżorju tagħha fil-qasam tal-agrikoltura u l-iżvilupp rurali prinċipalment permezz tal-proċedura ta' approvazzjoni tal-kontijiet f'żewġ stadji, tad-DĠ AGRI:

- Proċedura annwali ta' approvazzjoni finanzjarja li tkopri l-kontijiet annwali u s-sistema ta' kontroll intern ta' kull aġenzija tal-pagamenti akkreditata. Id-deċiżjoni riżultanti dwar l-approvazzjoni tal-kontijiet hija bbażata fuq awditi mwettqa minn korpi indipendenti taċ-ċertifikazzjoni fl-Istati Membri, li jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni. Din id-deċiżjoni tista' twassal għal korrezzjonijiet finanzjarji.

- Proċedura pluriennali ta' approvazzjoni tal-konformità, li tista' twassal għal "korrezzjonijiet finanzjarji" għall-Istat Membru kkonċernat jekk l-infiq ikun kiser ir-regoli tal-UE f'sena waħda jew f'bosta snin. Id-deċiżjonijiet riżultanti dwar il-konformità huma bbażati fuq "awditi tal-konformità" mwettqa mill-Kummissjoni (ara l-paragrafu 54).

### Ix-xogħol tal-Kummissjoni ttejjeb f'dawn l-aħħar tliet snin

67
Ix-xogħol annwali għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni sab[39] li matul l-aħħar tliet snin, l-awditi tal-apparovazzjoni tal-kontijiet, li saru mill-Kummissjoni ttejbu. Minħabba dan, għall-2013, il-Qorti setgħet tuża r-riżultati tal-awditi tal-iżvilupp rurali, li saru mid-DĠ AGRI, għall-iskop li tiġi vvalutata l-affidabbiltà tas-sistemi ta' kontroll fl-Istati Membri.

68
Is-segwitu li sar fl-2013 tar-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fir-Rapport Speċjali 7/2010 "Verifika tal-proċedura tal-approvazzjoni tal-kontijiet" ikkonkluda li l-Kummissjoni kienet ħadet azzjoni xierqa u f'waqtha meta pproponiet rwol akbar għall-korpi taċ-ċertifikazzjoni. B'riżultat ta' dan, dawn se jkopru l-aspetti kollha tal-legalità u r-regolarità mill-2015 'il quddiem.

69
Reċentement, il-Kummissjoni biddlet l-approċċ tagħha għar-rappurtar ta' żbalji fir-rapport annwali tal-attività. Sal-2011, id-*data* ppreżentata fir-rapport annwali tal-attività tagħha kienu kollha kemm huma bbażati fuq statistika dwar l-ispezzjonijiet ipprovduta mill-awtoritajiet fl-Istati Membri. Għalkemm il-Kummissjoni kienet konxja tad-dgħufijiet fix-xogħol tal-awtoritajiet ikkonċernati, hija qieset li żieda b'rata fissa b'25 % tar-rati ta' żball irrappurtati jkunu jikkumpensaw b'mod adegwat l-impatt ta' dawn id-dgħufijiet. B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni rrappurtat b'mod sinifikanti rati ta' żball aktar baxxi milli rrappurtat il-Qorti. Din il-bidla fl-approċċ tirrikonoxxi d-dgħufijiet irrappurtati mill-Qorti f'rapporti annwali preċedenti[40] u kkonfermati mis-servizz tal-awditjar intern tal-Kummissjoni.

70
Fir-Rapport Annwali tal-Attività 2012 u 2013 tiegħu, id-DĠ AGRI aġġusta r-rati ta' żball ippreżentati mill-awtoritajiet biex jittieħed kont ta' sorsi oħra ta' informazzjoni. Issa, id-DĠ AGRI jieħu kont tal-awditi tal-konformità proprji tiegħu, kif ukoll tal-awditi tal-Qorti, tar-rapporti annwali tal-korpi taċ-ċertifikazzjoni u kwalunkwe informazzjoni oħra disponibbli meta jivvaluta r-rata ta' żball għall-aġenziji tal-pagamenti. Għall-2013, id-DĠ AGRI aġġusta r-rati ta' żball irrappurtati mill-Istati Membri għal 43 minn 48 aġenzija tal-pagamenti awditjata mill-Kummissjoni u mill-Qorti fl-aħħar tliet snin. Pereżempju, għal għajnuna diretta mill-UE dawn iż-żidiet aktar minn ittripplikaw ir-rata tal-iżball residwu kkalkulata abbażi tal-istatistika rrappurtata mill-Istati Membri (2,33 % kontra 0,69 %). Għal infiq mhux kopert mill-awditi tal-Kummissjoni jew tal-Qorti ma sar l-ebda aġġustament.

## L-Istati Membri jwettqu l-kontrolli u l-ispezzjonijiet ewlenin

71
Is-sistema ta' superviżjoni u kontroll li tkopri l-akbar ammont ta' sussidji għall-agrikoltura hija s-SIAK. Din tapplika għall-iskemi kollha ta' għajnuna mill-UE tal-FAEG u tal-FAEŻR[41], kemm dawk relatati ma' erja kif ukoll dawk relatati ma' annimali, li ammontaw għal madwar EUR 47 biljun fl-2013.

72
Bħala parti mill-awditi annwali tagħha tad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni, matul il-perjodu 2007-2013, il-Qorti eżaminat l-operazzjoni taħt is-SIAK fi 38 aġenzija tal-pagamenti fit-28 Stat Membru kollha. L-aġenziji tal-pagamenti eżaminati jimmaniġġjaw madwar 80 % tal-infiq immaniġġjat tas-SIAK. Il-Qorti eżaminat ukoll is-sistemi ta' superviżjoni u kontroll għal miżuri tal-FAEG li mhumiex immaniġġjati taħt is-SIAK f'erba' aġenziji tal-pagamenti oħra.

73
Ir-riżultati tal-awditi tas-sistemi li saru mill-Qorti juru varjazzjoni sinifikanti ħafna fi ħdan u bejn l-Istati Membri. Sebgħa biss mis-sistemi ta' kontroll ġew ivvalutati bħala effettivi. Kien hemm 22 oħra li nstabu li huma parzjalment effettivi u 9 sistemi ta' kontroll ġew ivvalutati bħala ineffettivi[42].

74
L-ittestjar tal-Qorti matul is-snin wera li s-SIAK tagħti kontribut sinifikanti għat-tnaqqis fir-rati ta' żball fl-infiq li tkopri. Ir-Rapport Annwali tal-Attività 2013 tad-DĠ AGRI jikkonferma dan, billi juri rata ta' żball għall-infiq immaniġġjat taħt is-SIAK, li hija tliet darbiet aktar baxxa minn dik għall-miżuri tas-suq (mhux immaniġġjati taħt is-SIAK)[43].

## Is-superviżjoni tal-infiq fil-koeżjoni mill-Kummissjoni

**75**

B'kuntrast għall-agrikoltura, is-sistema ta' koeżjoni ma għandhiex proċedura annwali ta' approvazzjoni. Proċedura ta' eżaminar u aċċettazzjoni tal-kontijiet se tiġi introdotta fil-perjodu l-ġdid. L-awtoritajiet tal-awditjar diġà jħarsu lejn il-legalità u r-regolarità tal-operazzjonijiet. Din it-taqsima tal-ħarsa ġenerali tkopri s-superviżjonib tal-awtoritajiet tal-awditjar mill-Kummissjoni.

**76**

Għal kull perjodu, abbażi tal-proposti mill-Istati Membri, il-Kummissjoni tapprova programmi operazzjonali (PO) u pjanijiet finanzjarji indikattivi li jinkludu l-kontribuzzjonijiet mill-UE u dawk nazzjonali. L-Istati Membri jerfgħu r-responsabbiltà primarja għall-prevenzjoni jew għall-qbid u l-korrezzjoni ta' nfiq irregolari, u jirrappurtaw lill-Kummissjoni.

**77**

L-awtoritajiet maniġerjali u l-korpi intermedji nominati għandhom ir-responsabbiltà għall-amministrazzjoni ta' kuljum. Dawn iridu jiżguraw li l-proġetti kollha huma eliġibbli għal finanzjament mill-UE u li l-ispejjeż iddikjarati jikkonformaw mal-kundizzjonijiet kollha speċifikati fir-regolamenti u/jew fir-regoli nazzjonali. Il-verifikazzjonijiet tagħhom jinkludu spezzjonijiet ta' proġetti fuq bażi ta' kampjun u kontrolli fl-uffiċċju qabel iċ-ċertifikazzjoni tal-infiq. L-awtoritajiet taċ-ċertifikazzjoni jridu jiżguraw li jkunu saru kontrolli adegwati u jwettqu verifikazzjonijiet addizzjonali qabel ma jiddikjaraw l-infiq għal rimborż mill-Kummissjoni.

**78**

Barra minn hekk, għal kull PO (jew grupp ta' PO), l-awtoritajiet tal-awditjar fl-Istati Membri jwettqu awditi tas-sistemi u, fuq bażi ta' kampjun statistikament rappreżentattiv, awditi *ex post* tal-operazzjonijiet. Kif imsemmi fil-paragrafu 50, l-awtoritajiet tal-awditjar jirrappurtaw lill-Kummissjoni permezz ta' rapporti annwali ta' kontroll, li jinkludu opinjoni annwali tal-awditjar dwar il-funzjonament tas-sistemi u l-istima tar-rata ta' żball tal-awtoritajiet tal-awditjar.

**79**

Skont ir-regolamenti, jekk, fuq il-bażi tax-xogħol proprju tagħha jew tal-informazzjoni rrappurtata mill-awtoritajiet tal-awditjar, il-Kummissjoni ssib li awtorità fl-Istat Membru tkun naqset milli tirrimedja nuqqasijiet serji fis-sistemi ta' ġestjoni u kontroll u/jew milli tikkoreġi nfiq irregolari li kien ġie ddikjarat u ċċertifikat, hija tista' tinterrompi jew tissospendi l-pagamenti. Jekk l-Istat Membru ma jirrimedja l-ebda nuqqas maqbud ta' funzjonament tas-sistemi jew ma jirtirax l-infiq irregolari, il-Kummissjoni tista' tapplika "korrezzjonijiet finanzjarji" li jwasslu għal tnaqqis nett fil-finanzjament mill-UE għall-PO. Madankollu, fil-prattika, it-tnaqqis nett rarament jiġi applikat. Ftehim mal-Kummissjoni jippermetti lill-awtoritajiet fl-Istat Membru jużaw l-ammonti "kkoreġuti" għal infiq ieħor fi klejms futuri.

**80**
L-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet tal-awditjar fir-rapporti annwali ta' kontroll, fl-opinjonijiet tal-awditjar u fir-rapporti tal-awditi tas-sistemi tagħhom hija wieħed mis-sorsi prinċipali li fuqhom hija bbażata l-valutazzjoni mill-Kummissjoni, għal kull PO, tal-legalità u r-regolarità tal-infiq tal-UE.

## Il-Kummissjoni tejbet progressivament l-approċċ tagħha

**81**
Fir-rapport annwali tal-attività, il-Kummissjoni tippreżenta stima tal-punt sa fejn il-programmi operazzjonali huma milquta minn żbalji ta' legalità u ta' regolarità. Mill-2011 'il hawn, iż-żewġ DĠ tal-koeżjoni qed jaġġustaw iċ-ċifri rrappurtati mill-awtoritajiet fl-Istati Membri biex jittieħed kont tad-dgħufijiet identifikati. Għall-pagamenti interim u finali awtorizzati matul l-2013 taħt l-FSE u l-FEŻR/FK (programmi operazzjonali 2007-2013) id-DĠ EMPL u d-DĠ REGIO jistmaw li l-ammont f'riskju jinsab fil-firxa ta' 2,6 % sa 3,5 % u ta' 2,8 % sa 5,3 % rispettivament. Iż-żewġ firxiet huma 'l fuq mil-livell limitu ta' materjalità ta' 2 % stabbilit mill-Kummissjoni.

**82**
Ir-robustezza tal-valutazzjoni mill-Kummissjoni hija affettwata mill-preċiżjoni u l-affidabbiltà tal-informazzjoni rrappurtata mill-awtoritajiet tal-Istati Membri. Ir-Rapport Speċjali Nru 16/2013 "Valutazzjoni ta' awditu uniku (single audit) u d-dipendenza tal-Kummissjoni fuq ix-xogħol tal-awtoritajiet nazzjonali tal-awditjar fil-koeżjoni" osserva li[44]:

- xi wħud mill-awtoritajiet tal-awditjar ma rrappurtawx problemi b'mod suffiċjenti;
- ir-rati ta' żball irrappurtati mhux dejjem kienu affidabbli b'mod sħiħ;
- informazzjoni dwar "korrezzjonijiet finanzjarji" rrappurtati mill-Istati Membri tista' ma tkunx dejjem affidabbli jew preċiża, u
- il-metodu ta' kalkolu mill-Kummissjoni rriżulta f'rata tal-iżball residwu stmata b'mod insuffiċjenti.

**83**
Matul il-perjodu 2007-2013, kemm id-DĠ EMPL kif ukoll id-DĠ REGIO saħħew il-kontrolli tagħhom fuq l-awtoritajiet tal-awditjar. Issa, il-Kummissjoni qed titlob lill-awtoritajiet tal-awditjar biex, f'ħafna każijiet, jipprovdu informazzjoni addizzjonali dwar il-kalkolu tar-rati ta' żball irrappurtati fir-rapporti annwali ta' kontroll tagħhom, bħal rikonċiljazzjoni tal-popolazzjoni awditjata mal-infiq iddikjarat, kalkolu mill-ġdid tad-daqs tal-kampjun jew informazzjoni dettaljata dwar awditi speċifiċi tal-operazzjonijiet. Barra minn hekk, iż-żewġ DĠ qed iwettqu missjonijiet ta' ġbir ta' informazzjoni fi Stati Membri biex jivverifikaw id-*data* rrappurtata mill-awtoritajiet tal-awditjar.

**84**
Ibbażat fuq ix-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar, il-Kummissjoni tippubblika rati ta' riskju skont l-Istat Membru. Fir-Rapport Annwali 2013 tagħha, il-Qorti rrappurtat li hemm dgħufijiet f'xi *data* pprovduta mill-awtoritajiet nazzjonali u f'xi aspetti tal-analiżi mill-Kummissjoni[45]. Għandha tingħata attenzjoni fl-użu mid-*data* bħala indikazzjoni affidabbli tas-suċċess relattiv tal-Istat Membru biex jikkonforma mas-settijiet differenti tar-regoli u r-regolamenti ta' eliġibbiltà.

**85**
Il-Kummissjoni għandha biss informazzjoni limitata dwar jekk is-sistemi stabbiliti mill-Istati Membri biex jimponu "miżuri korrettivi" humiex effettivi u jekk l-informazzjoni rrappurtata mill-awtoritajiet taċ-ċertifikazzjoni hijiex preċiża, kompleta u affidabbli[46]. Din il-valutazzjoni hija korroborata mis-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni li jqis li l-aċċertament li jista' jitqiegħed fuq l-impatt finanzjarju ta' miżuri korrettivi rrappurtati mill-Istati Membri huwa limitat ħafna minħabba l-mod kif dawn jiġu rrappurtati lill-Kummissjoni, iżda wkoll minħabba li l-awtoritajiet tal-awditjar iwettqu biss kontrolli limitati fuqhom[47]. Il-Kummissjoni ddikjarat fit-tweġiba tagħha għall-paragrafu 1.41 tar-Rapport Annwali 2012 li, "il-problemi eżistenti huma primarjament ikkawżati mir-rati tal-iżbalji mhux affidabbli kkomunikati mill-Istati Membri. Il-Kummissjoni tinvesti f'ħafna sforzi sabiex ittejjeb l-affidabbiltà tagħhom, b'mod partikolari billi tikkorreġihom 'il fuq jekk ikun meħtieġ."

**86**
L-ambitu tal-Kummissjoni għall-ivvalidar (u, fejn meħtieġ, l-aġġustament) tar-rati ta' żball irrappurtati huwa limitat sakemm l-awtoritajiet tal-awditjar ma jiġux mitluba li jipprovdu lill-Kummissjoni b'informazzjoni speċifika dwar l-awditi tagħhom tal-operazzjonijiet għall-verifikazzjoni, minn naħa tagħha, tar-rapporti annwali ta' kontroll.

## Hemm riskju li l-Kummissjoni tistma b'mod insuffiċjenti r-rata tal-iżball residwu fl-infiq fil-koeżjoni

**87**
Kumplessivament, hemm riskju li l-Kummissjoni tistma b'mod insuffiċjenti r-"rata tal-iżball residwu" u, b'riżultat ta' dan, li l-valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-PO individwali u tal-impatt finanzjarju tar-riżervi fir-rapporti annwali tal-attività ma tkunx robusta biżżejjed.

**88**
Fir-Rapport Speċjali Nru 16/2013, il-Qorti rrakkomandat li l-Kummissjoni għandha tadotta approċċ prudenti meta toqgħod fuq informazzjoni mill-Istati Membri dwar awditi u "korrezzjonijiet finanzjarji", tkompli tipprovdi appoġġ u gwida metodoloġiċi lill-korpi nazzjonali tal-awditjar, tipproponi sistema ta' sanzjonijiet għall-korpi tal-awditjar li ripetutament ma jirrappurtawx problemi b'mod suffiċjenti, u arranġamenti għall-kondiviżjoni mal-Istati Membri tal-ispejjeż tal-awditjar tal-infiq reġjonali tal-UE.

## Sommarju tar-riskji u d-dgħufijiet ewlenin identifikati

### Ir-riskji fl-agrikoltura huma relatati mar-raba’, mal-annimali u mal-bdiewa

**89**

Il-politika agrikola komuni tal-UE hija implimentata permezz tal-fondi tal-FAEG u tal-FAEŻR. Ir-rapport annwali tal-Qorti u b’mod aktar speċifiku l-Kapitolu 3 u l-Kapitolu 4 jiġbru fil-qosor, fost affarijiet oħra, ir-riskji u d-dgħufijiet ewlenin tal-infiq fl-agrikoltura.

**90**

Is-sussidji għall-agrikoltura jingħaddew permezz ta’ madwar 80 aġenzija tal-pagamenti fit-28 Stat Membru li huma responsabbli biex jagħmlu pagamenti lill-benefiċjarji. Ir-rekwiżiti legali kumplessi fil-livell tal-UE u f’dak nazzjonali jkopru għadd sinifikanti ta’ miżuri u ta’ skemi ta’ għajnuna stabbiliti (pereżempju 4 assi b’46 miżura u bosta eluf ta’ submiżuri fil-FAEŻR).

**91**

Ir-riskji prinċipali fir-rigward tar-regolarità ta’ pagamenti diretti huma li l-għajnuna skont l-erja tista’ titħallas għal art ineliġibbli, lil benefiċjarji ineliġibbli jew lil aktar minn benefiċjarju wieħed għall-istess ħabel art, jew li d-drittijiet jiġu kkalkulati b’mod skorrett jew li l-primjums għall-annimali jitħallsu għal annimali li ma jeżistux (minkejja li dawn ir-riskji huma mitigati, sa ċertu punt, mill-operazzjoni tas-SIAK, ara l-paragrafu 74). Fil-każ ta’ interventi fis-swieq agrikoli u ta’ miżuri oħra mhux relatati mal-erja, ir-riskji prinċipali fir-rigward ta’ regolarità huma li għajnuna tingħata lil applikanti ineliġibbli jew għal spejjeż jew prodotti ineliġibbli jew iddikjarati b’mod eċċessiv. Il-miżuri ta’ intervent huma prinċipalment ibbażati fuq il-kwantitajiet iddikjarati mill-benefiċjarji, li ma jistgħux jiġu ċċekkjati bl-użu awtomatizzat minn kontrolli reċiproċi ma’ databases oħra. Dan iżid ir-riskju ta’ żball.

### L-iżvilupp rurali huwa partikolarment suxxettibbli għal żball

**92**

Il-FAEŻR huwa partikolarment suxxettibbli għal żball. Minbarra dawk imsemmija hawn fuq, in-nuqqas ta’ konformità mar-rekwiżiti agroambjentali, li jikkonċernaw l-użu minn metodi ta’ produzzjoni agrikola, li huma kompatibbli mal-protezzjoni tal-ambjent, tal-pajsaġġ u tar-riżorsi naturali, kif ukoll mar-rekwiżiti speċifiċi għal proġetti ta’ investiment u l-ksur tar-regoli tal-akkwist pubbliku tal-UE u/jew dawk nazzjonali huma fatturi importanti li jżidu r-riskju.

## Ir-riskji fil-koeżjoni għadhom iddominati minn dgħufijiet fl-akkwist

**93**
Il-politika ta' koeżjoni tal-UE hija implimentata permezz tal-fondi tal-FEŻR, tal-FK u tal-FSE. Ir-rapport annwali tal-Qorti u b'mod aktar speċifiku l-Kapitolu 5 u l-Kapitolu 6 jiġbru fil-qosor, fost affarijiet oħra, ir-riskji u d-dgħufijiet ewlenin tal-infiq fil-koeżjoni.

**94**
L-ewwel riskju huwa relatat man-nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku tal-UE u/jew dawk nazzjonali, fl-għoti ta' kuntratti. Għall-politika ta' koeżjoni, l-applikazzjoni ħażina ta' regoli u proċeduri ta' akkwist tista' sseħħ deliberatament biex jiġu ffavoriti xi fornituri jew bi żvista, għaliex dawn ir-regoli ma jinfthiemux sew. Qasam ewlieni ta' żball huwa relatat mal-estensjoni jew mal-modifika ta' kuntratti eżistenti, fejn ir-regoli tal-akkwist tal-UE jeħtieġu li jitwettaq eżerċizzju ġdid ta' sejħiet għall-offerti.

**95**
It-tieni riskju huwa l-finanzjament ta' proġett jew infiq li ma jkunx eliġibbli skont ir-regolamenti u/jew ir-regoli nazzjonali ta' eliġibbiltà, jew li ma jikkonformawx ma' xi regoli speċifiċi (bħar-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat). Regoli kumplessi ta' eliġibbiltà u kundizzjonijiet oħra jistgħu jwasslu għal immirar ħażin tal-fondi tal-UE u għal użu anqas minn dak li hu ottimu mill-baġit tal-UE.

**96**
In-natura intanġibbli ta' investimenti fil-kapital uman (pereżempju taħt l-FSE) u l-involviment ta' ħafna sħab, spiss fuq skala żgħira, fl-implimentazzjoni ta' proġetti jżidu r-riskju li spejjeż ineliġibbli jiġu aċċettati jew li żbalji fil-kalkolu li jolqtu l-preċiżjoni tal-klejms ma jinqabdux mis-sistemi stabbiliti minħabba l-impatt finanzjarju baxx tagħhom. Benefiċjarji b'kapaċità amministrattiva mhux ugwali jista' jkollhom interpretazzjonijiet differenti jew applikazzjoni inkonsistenti tal-kriterji ta' eliġibbiltà u ta' kundizzjonijiet oħra għall-finanzjament mill-UE.

# Ħarsa 'l quddiem: infiq tal-UE fl-agrikoltura u l-koeżjoni għall-2014-2020



## Tfassil mill-ġdid sinifikanti ta' sussidji għall-agrikoltura

**97**

Fir-rigward tal-FAEG, ir-riforma tal-PAK tal-2013 tipprevedi tmien skemi ta' għajnuna diretta li erba' minnhom huma obbligatorji għall-Istati Membri kollha u erba' huma biss fakultattivi. L-iskemi obbligatorji huma l-iskema ta' pagament bażiku (jew l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja[48]), l-iskema ta' pagament għall-ekoloġizzazzjoni, l-iskema għal bdiewa żgħażagħ u l-iskema ta' pagament għall-qoton. L-iskema ta' pagament ridistributtiv, l-iskema ta' pagament għal bdiewa f'żoni b'restrizzjonijiet naturali, l-iskemi ta' appoġġ akkoppjat għal ċerti setturi u l-iskema tal-bdiewa żgħar jibqgħu mhux obbligatorji. L-iskemi l-ġodda bl-ogħla livelli ta' nfiq huma l-iskema ta' pagament bażiku u l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja. Il-pagament għall-ekoloġizzazzjoni huwa pagament għal prattiki li huma ta' benefiċċju għall-klima u għall-ambjent. Huwa jirrappreżenta 30 % tal-pakkett finanzjarju ta' għajnuna diretta u fih tliet rekwiżiti

- Id-diversifikazzjoni tal-uċuħ tar-raba' (minimu żewġ uċuħ tar-raba' fuq art li tinħadem).
- Il-manutenzjoni ta' bwar permanenti eżistenti.
- L-eżistenza ta' erja b'fokus ekoloġiku.

**98**

Ir-rispett tal-kundizzjoniijiet għall-ekoloġizzazzjoni huwa obbligatorju għall-benefiċjarji kollha tal-iskema ta' pagament bażiku u tal-iskema ta' pagament uniku skont l-erja.

**99**

Barra minn hekk, ir-regoli l-ġodda tal-PAK ikabbru l-possibbiltajiet biex l-Istati Membri jidderogaw mill-prinċipju ta' diżakkoppjar u li jakkoppjaw mill-ġdid l-għajnuna għall-produzzjoni.

**100**

Hija karatteristika tar-regoli tal-PAK li l-applikazzjoni ta' skemi ta' għajnuna u d-definizzjoni ta' kriterji ta' eliġibbiltà ewlenin titħalla għad-diskrezzjoni tal-Istati Membri. Id-diskrezzjoni mogħtija lill-Istati Membri tinkludi definizzjonijiet ewlenin bħal "bidwi attiv" u "attività agrikola".

## Koeżjoni: simplifikazzjoni tat-twassil tal-politika iżda anqas bidliet fir-regoli ta' eliġibbiltà

### 101

Ir-regoli ta' koeżjoni għall-qafas finanzjarju pluriennali l-ġdid huma mmirati lejn fokus fuq ir-riżultati permezz ta' simplifikazzjoni tat-twassil tal-politika u żieda fl-użu mill-kundizzjonalità. Għal din ir-raġuni, ġew introdotti bidliet importanti fir-regolament ġenerali[49].

### 102

Id-dispożizzjonijiet dwar ir-regoli ta' eliġibbiltà bażikament ma nbidlux, għalhekk l-arranġamenti għall-infiq fil-koeżjoni baqgħu kumplessi. Hemm diversi saffi ta' regoli (dispożizzjonijiet komuni, atti delegati, atti ta' implimentazzjoni, linji gwida tal-Kummissjoni) kif ukoll leġiżlazzjonijiet nazzjonali li magħhom irid ikun hemm konformità. Kwistjonijiet, anke dawk meqjusa elementi ewlenin mill-Qorti huma (għandhom ikunu) koperti minn atti delegati.

### 103

Fl-Opinjoni Nru 7/2011[50] dwar ir-regolament ta' koeżjoni għall-perjodu 2014-2020 il-Qorti enfasizzat li l-infiq tal-UE jrid joffri benefiċċji ċari u viżibbli għall-UE u għaċ-ċittadini tagħha u f'din il-perspettiva ssuġġeriet l-abbozzar mill-ġdid ta' programmi ta' nfiq f'termini ta' riżultati aċċettabbli. Id-dispożizzjoni għall-Qafas Strateġiku Komuni u l-introduzzjoni ta' kundizzjonalitajiet *ex-ante* (l-introduzzjoni tal-loġika ta' intervent fuq il-fażi ta' programmazzjoni) għandha tippermetti li jiġi indirizzat in-nuqqas ta' koordinazzjoni fost politiki differenti tal-UE nnutati fil-passat.

### 104

Minkejja l-fokus li jingħadd li hemm fuq ir-riżultati, l-iskema, madankollu, tibqa' bbażata b'mod fundamentali fuq l-inputs, u għalhekk, orjentata lejn il-konformità aktar milli lejn il-prestazzjoni. Dan l-objettiv tal-aħħar essenzjalment jitħalla għall-introduzzjoni ta' riżerva ta' prestazzjoni (li s-suċċess tagħha se jiddependi fuq il-kapaċità li jiġu żviluppati indikaturi adatti) u ta' pjanijiet ta' azzjoni konġunta[51].

## Il-bidliet fir-rwoli, fir-responsabbiltajiet u fl-obbligi ta' rappurtar rispettivi tal-Kummissjoni u tal-awtoritajiet nazzjonali jagħtu lill-partijiet interessati informazzjoni aħjar dwar livelli ta' irregolarità?

### 105

Mill-2014 (għall-koeżjoni) u mill-2015 (għall-agrikoltura) 'il quddiem, "rinforz tas-sistema ta' aċċertament" huwa intenzjonat li jipprovdi informazzjoni aħjar lill-Kummissjoni dwar żbalji fil-ġestjoni kondiviża. Il-korpi indipendenti tal-awditjar se jwettqu awditi u kull sena se jikkalkulaw ir-rati ta' żball (ibbażat fuq kampjuni rappreżentattivi) għal kull Stat Membru u għal kull qasam ta' politika.

### Bażi għal informazzjoni aħjar dwar il-legalità u r-regolarità fl-agrikoltura

**106**
Ir-rinforz tal-aċċertament għandu jipprovdi informazzjoni aħjar lill-Kummissjoni u lill-partijiet interessati dwar ir-rati ta' żball f'pagamenti għal kull Stat Membru. Jekk l-informazzjoni tkun ta' kwalità tajba u disponibbli fi żmien tajjeb, fil-prinċipju, dan l-iżvilupp ikun jippermetti lill-Qorti li tagħmel aktar użu mix-xogħol tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri. Biex dan ikun possibbli, il-Qorti jrid ikollha aċċess aktar kmieni għar-riżultati u aċċertament dwar l-ambitu u l-kwalità tax-xogħol imwettaq (ara wkoll il-paragrafu 109). Fejn il-Qorti tkun analizzat ix-xogħol tal-korpi tal-awditjar imwettaq fuq bażi volontarja, hija sabet limitazzjonijiet fl-affidabbiltà ta' dan ix-xogħol.

### Qafas annwali aktar b'saħħtu għall-mekkaniżmi tal-obbligu ta' rendikont fil-koeżjoni

**107**
Fil-koeżjoni, ir-regoli għall-perjodu l-ġdid jagħmlu aktar enfasi fuq ir-responsabbiltajiet tal-Istati Membri għat-twaqqif ta' sistemi u l-ġestjoni finanzjarja. L-awtoritajiet maniġerjali u taċ-ċertifikazzjoni[52] jiġu nominati mill-Istati Membri. L-approvazzjoni mill-Kummissjoni tal-proċess tan-nomina mhijiex meħtieġa.

**108**
Il-Kummissjoni introduċiet il-kunċett tas-sena ta' kontabbiltà (Ġunju (n-1) sa Ġunju n) u tat-tħejjija annwali tal-kontijiet taħt il-qafas leġiżlattiv il-ġdid. Il-kontijiet finanzjarji ċċertifikati mill-awtorità taċ-ċertifikazzjoni jridu jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni sa Frar (n+1) u jridu jkunu akkumpanjati minn:

- Dikjarazzjoni ta' ġestjoni u "sommarju annwali tar-rapporti tal-awditi (awditjar) finali u tal-kontrolli mwettqa, inkluża analiżi tan-natura u tal-portata tal-iżbalji u tan-nuqqasijiet (dgħufijiet) identifikati fis-sistemi, kif ukoll l-azzjonijiet korrettivi meħuda jew ippjanati"[53]. Din għandha tkopri l-funzjonament tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll, il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi u r-rispett tal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba.

- Rapport ta' kontroll (li għandu jitħejja mill-awtoritajiet tal-awditjar) b'opinjoni tal-awditjar dwar il-kontijiet, dwar l-operazzjoni ta' sistemi, dwar il-legalità u r-regolarità tal-infiq[54].

**109**
Il-Kummissjoni trid tiddeċiedi dwar l-aċċettazzjoni tal-kontijiet sa Mejju (n+1). Għaldaqstant, l-Istati Membri għandhom tmien xhur[55] biex iħejju u jippreżentaw il-kontijiet annwali, u l-Kummissjoni għandha tliet xhur biex tikkonkludi dwar dawn il-kontijiet. Sabiex il-Qorti tieħu kont f'xogħolha tal-informazzjoni vvalidata mill-Kummissjoni, jeħtieġ li jkollha aċċess aktar kmieni għaliha.

110
Peress li l-Kummissjoni se tuża x-xogħol tal-awtoritajiet nazzjonali bħala sors ta’ aċċertament, huwa essenzjali li l-ambitu u l-kwalità tax-xogħol li fuqu huma bbażati l-opinjonijiet u d-dikjarazzjonijiet jiġu kjarifikati b’mod xieraq u li hija tanalizza s-sistemi tagħhom u l-prestazzjoni tagħhom sabiex tiżgura li xogħolhom ikun affidabbli.

111
Ir-regolament ġenerali jestendi l-mekkaniżmu tal-”korrezzjonijiet finanzjarji” u jipprevedi l-applikazzjoni ta’ korrezzjonijiet netti f’xi ċirkostanzi speċifiċi. Dan huwa previst, pereżempju, meta l-Kummissjoni tidentifika irregolaritajiet relatati ma’ defiċjenzi serji tal-funzjonament effettiv tas-sistemi ta’ ġestjoni u kontroll, li ma ġewx irrappurtati fil-kontijiet annwali u f’dikjarazzjonijiet relatati. Il-Kummissjoni temmen li dan jipprovdi inċentiv aktar b’saħħtu biex l-awtoritajiet nazzjonali jipprovdu informazzjoni affidabbli.

## Implikazzjonijiet ta’ żviluppi għall-obbligu ta’ rendikont u r-rwol tal-Qorti: l-isfida għall-awditjar tal-affidabbiltà tal-informazzjoni ta’ kontroll ipprovduta mill-Kummissjoni u mill-awtoritajiet nazzjonali

112
Id-dispożizzjonijiet il-ġodda applikabbli għall-ġestjoni kondiviża għall-Qafas Finanzjarju 2014-2020 jeħtieġu li l-korpi tal-awditjar tal-Istati Membri jipprovdu ċertifikati dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet, kif ukoll, japprovaw l-istatistika ta’ kontroll tal-Istati Membri pprovduta lill-Kummissjoni. Filwaqt li għall-koeżjoni l-ħtieġa ġiet stabbilita mill-2007 ‘l hawn, għall-agrikoltura, din hija żieda sinifikanti fir-responsabbiltajiet tal-korpi taċ-ċertifikazzjoni.

113
Il-Kummissjoni ilha taħdem fuq it-titjib tal-kwalità u l-preċiżjoni tal-istatistika ta’ kontroll irrappurtata mill-Istati Membri, diġà, għal dawn l-aħħar ftit snin. Kif issemma aktar kmieni f’din il-ħarsa ġenerali, fis-snin reċenti l-Kummissjoni ħadet l-inizjattiva biex taġġusta l-istatistika ta’ kontroll ipprovduta mill-Istati Membri, biex b’hekk, fir-rapporti annwali tal-attività, tiżvela *data* li hija eqreb għal dik li l-Kummissjoni tqis bħala korretta u rappreżentattiva.

114
Dan it-titjib fil-kwalità tal-istatistika ta’ kontroll jirrappreżenta sfida kbira għall-Kummissjoni, peress li jinvolvi mhux biss il-monitoraġġ u l-analiżi tan-numri pprovduti, iżda wkoll it-teħid ta’ azzjoni biex tiġi aġġustata u mtejba d-*data* nfisha, kif ukoll biex jiġu pprovdut aktar gwida u appoġġ lil dawk li jawditjaw l-infiq u li jipproduċu l-istatistika.

**115**
Il-konklużjonijiet ewlenin tal-ħarsa ġenerali huma:

- L-infiq fil-perjodu 2007-2013 segwa l-mudell ta’ perjodi preċedenti. Filwaqt li l-infiq iddewwem, il-volum kumplessiv ta' pagamenti li saru kien qrib dak mistenni, u x’aktarx li ftit li xejn se jkun hemm użu mid-diżimpenn awtomatiku tal-fondi. Ħlief għal għajnuna diretta u appoġġ tas-suq għall-bdiewa fl-agrikoltura, il-pressjoni biex jintnefqu l-fondi huwa komponent ewlieni ta’ riskju għall-infiq taħt ġestjoni kondiviża.

- Ir-riskji prinċipali għar-regolarità tal-infiq fl-agrikoltura huma l-ineliġibbiltà tal-art, tal-annimali, jew tal-ispejjeż li fuqhom huma bbażati l-pagamenti ta’ sussidji, tal-benefiċjarji li jirċievu sussidji, u l-kalkolu skorrett ta’ sussidji (anke jekk dawn ir-riskji huma sa ċertu punt mitigati mill-operazzjoni tas-SIAK). Il-ksur ta’ rekwiżiti agroambjentali, ta’ rekwiżiti speċifiċi għal proġetti ta’ investiment, u ta' regoli tal-akkwist huma fatturi importanti li jżidu r-riskju għall-infiq fl-iżvilupp rurali.

- L-akbar riskju fl-infiq fil-koeżjoni huwa relatat mal-ksur ta' regoli tal-akkwist pubbliku tal-UE u/jew dawk nazzjonali. It-tieni l-akbar riskju huwa li l-infiq (jew il-proġetti) ma jkunx eliġibbli għal sussidju mill-UE.

- Filwaqt li hemm ambitu sinifikanti għal titjib fis-sistemi ta’ kontroll, l-isfida ewlenija hija li tittieħed azzjoni biex il-ġestjoni tal-programmi ssir aktar faċli. L-Istati Membri kollha li għalihom tista' tinsilet konklużjoni huma milquta minn livelli materjali ta' żball bi grad ta' fluttwazzjoni madwar il-medja għall-baġit tal-UE fl-intier tiegħu. Il-Qorti ssib żbalji fl-Istati Membri kollha tal-UE. Matul il-perjodu kopert minn din il-ħarsa ġenerali, il-Qorti eżaminat ħafna sistemi ta' kontroll fl-Istati Membri u fil-Kummissjoni, u fil-biċċa l-kbira kkonkludiet li huma "parzjalment effettivi". Il-fatt li, minkejja din il-klassifikazzjoni ta’ sistemi, il-Qorti ssib żbalji fi kważi nofs it-tranżazzjonijiet li teżamina juri, fost l-oħrajn, il-kumplessità tar-regoli ta' eliġibbiltà u tas-sistemi ta’ ġestjoni għall-programmi ta’ nfiq tal-UE.

- Kien hemm titjib fir-rappurtar dwar ir-riskju u dwar l-iżbalji mill-awtoritajiet fl-Istati Membri, iżda l-Kummissjoni tkompli tiffaċċja sfidi sinifikanti biex tiżgura li din l-informazzjoni hija affidabbli.

- Kumplessivament, il-bidliet fir-regolamenti għall-perjodu l-ġdid jista' ma jkollhomx impatt sinifikanti fuq il-livell ta’ riskju. Filwaqt li hemm xi simplifikazzjoni tar-regoli li ntlaqgħet tajjeb, xi skemi ta’ nfiq se jkomplu joħolqu sfidi għall-maniġers fl-Istati Membri kollha.

- Ħafna żbalji nħolqu għaliex l-arkitettura kumplessiva ta’ ġestjoni u kontroll hija kumplessa. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom ikomplu jfittxu opportunitajiet biex jissimplifikawha. Madankollu, sadanittant, l-esperjenza turi li l-Istati Membri kienu esperjenzaw diffikultajiet fl-immaniġġjar tas-sistema attwali u, għaldaqstant, fl-implmentazzjoni tal-politika. L-isforzi li qed isiru fl-Istati Membri biex is-sitwazzjoni tiitejjeb jeħtieġ li jkomplu.

## Impenji u pagamenti għall-intestaturi 1.b (koeżjoni) u 2 (agrikoltura) skont l-Istat Membru

### Impenji għall-2007-2013 għall-intestatura 1.b u l-intestatura 2 skont l-Istat Membru f'miljun EUR




### Pagamenti għall-2007-2013 għall-intestatura 1.b u l-intestatura 2 skont l-Istat Membru f'miljun EUR




*Sors:* Ir-rapporti dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja għas-snin finanzjarji 2007 – 2013.

Anness 2

## Frekwenza ta' żbalji maqbuda fil-kampjunar tal-awditjar għall-agrikoltura u l-koeżjoni għall-2009- 2013

| Stat Membru | Għadd totali ta' tranżazzjonijiet eżaminati | Għadd ta' tranżazzjonijiet milquta minn żball wieħed jew aktar | Għadd ta' tranżazzjonijiet milquta minn: | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Kwistjonijiet oħra ta' konformità u żbalji mhux kwantifikabbli | Żbalji kwantifik-abbli | Żbalji kwantifik-abbli 0 %-20 % | Żbalji kwantifik-abbli 20 %-80 % | Żbalji kwantifik-abbli 80 %-100 % |
| L-Awstrija | 56 | 27 | 5 | 22 | 17 | 2 | 3 |
| Il-Belġju | 22 | 7 | 2 | 5 | 2 | 3 | 0 |
| Il-Bulgarija | 44 | 18 | 11 | 7 | 5 | 0 | 2 |
| Ċipru | 1 | 1 | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Ir-Repubblika Ċeka | 115 | 57 | 24 | 33 | 24 | 4 | 5 |
| Il-Ġermanja | 282 | 107 | 38 | 69 | 57 | 7 | 5 |
| Id-Danimarka | 30 | 16 | 0 | 16 | 15 | 1 | 0 |
| L-Estonja | 44 | 14 | 5 | 9 | 7 | 2 | 0 |
| Spanja | 342 | 176 | 87 | 89 | 50 | 18 | 21 |
| Il-Finlandja | 33 | 24 | 10 | 14 | 13 | 1 | 0 |
| Franza | 297 | 166 | 43 | 123 | 108 | 10 | 5 |
| Il-Greċja | 183 | 65 | 34 | 31 | 24 | 3 | 4 |
| Il-Kroazja | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| L-Ungerija | 84 | 33 | 13 | 20 | 13 | 2 | 5 |
| L-Irlanda | 26 | 14 | 0 | 14 | 13 | 1 | 0 |
| L-Italja | 240 | 110 | 57 | 53 | 37 | 7 | 9 |
| Il-Litwanja | 49 | 22 | 16 | 6 | 3 | 1 | 2 |
| Il-Lussemburgu | 25 | 19 | 9 | 10 | 10 | 0 | 0 |
| Il-Latvja | 47 | 7 | 4 | 3 | 1 | 1 | 1 |
| Malta | 5 | 4 | 3 | 1 | 0 | 0 | 1 |
| Il-Pajjiżi l-Baxxi | 28 | 17 | 5 | 12 | 7 | 4 | 1 |
| Il-Polonja | 383 | 128 | 75 | 53 | 33 | 11 | 9 |
| Il-Portugall | 175 | 78 | 34 | 44 | 31 | 6 | 7 |
| Ir-Rumanija | 111 | 62 | 36 | 26 | 16 | 1 | 9 |
| L-Isvezja | 34 | 15 | 4 | 11 | 8 | 3 | 0 |
| Is-Slovenja | 33 | 8 | 4 | 4 | 3 | 1 | 0 |
| Is-Slovakkja | 67 | 39 | 27 | 12 | 10 | 0 | 2 |
| Ir-Renju Unit | 164 | 86 | 24 | 62 | 54 | 7 | 1 |
| Total | 2 920 | 1 320 | 571 | 749 | 561 | 96 | 92 |

Anness 3

## Frekwenza ta' żbalji maqbuda fil-kampjunar tal-awditjar għall-agrikoltura għall-2009- 2013

| Stat Membru | Għadd totali ta' tranżazzjonijiet eżaminati | Għadd ta' tranżazzjonijiet milquta minn żball wieħed jew aktar | Għadd ta' tranżazzjonijiet milquta minn: | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Kwistjonijiet oħra ta' konformità u żbalji mhux kwantifikabbli | Żbalji kwantifikabbli | Żbalji kwantifikabbli 0 %-20 % | Żbalji kwantifikabbli 20 %-80 % | Żbalji kwantifikabbli 80 %-100 % |
| L-Awstrija | 41 | 18 | 0 | 18 | 16 | 2 | 0 |
| Il-Belġju | 14 | 4 | 1 | 3 | 2 | 1 | 0 |
| Il-Bulgarija | 25 | 10 | 5 | 5 | 3 | 0 | 2 |
| Ċipru | 1 | 1 | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Ir-Repubblika Ċeka | 56 | 25 | 8 | 17 | 16 | 0 | 1 |
| Il-Ġermanja | 181 | 51 | 10 | 41 | 33 | 4 | 4 |
| Id-Danimarka | 22 | 15 | 0 | 15 | 14 | 1 | 0 |
| L-Estonja | 7 | 3 | 1 | 2 | 2 | 0 | 0 |
| Spanja | 145 | 64 | 27 | 37 | 26 | 7 | 4 |
| Il-Finlandja | 33 | 24 | 10 | 14 | 13 | 1 | 0 |
| Franza | 200 | 114 | 17 | 97 | 91 | 4 | 2 |
| Il-Greċja | 85 | 37 | 16 | 21 | 17 | 1 | 3 |
| Il-Kroazja | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| L-Ungerija | 32 | 13 | 4 | 9 | 8 | 1 | 0 |
| L-Irlanda | 26 | 14 | 0 | 14 | 13 | 1 | 0 |
| L-Italja | 138 | 53 | 20 | 33 | 24 | 6 | 3 |
| Il-Litwanja | 16 | 8 | 5 | 3 | 2 | 1 | 0 |
| Il-Lussemburgu | 10 | 7 | 0 | 7 | 7 | 0 | 0 |
| Il-Latvja | 24 | 7 | 4 | 3 | 1 | 1 | 1 |
| Malta | 5 | 4 | 3 | 1 | 0 | 0 | 1 |
| Il-Pajjiżi l-Baxxi | 20 | 13 | 1 | 12 | 7 | 4 | 1 |
| Il-Polonja | 132 | 59 | 32 | 27 | 20 | 4 | 3 |
| Il-Portugall | 65 | 32 | 9 | 23 | 15 | 1 | 7 |
| Ir-Rumanija | 78 | 43 | 24 | 19 | 11 | 1 | 7 |
| L-Isvezja | 16 | 11 | 3 | 8 | 6 | 2 | 0 |
| Is-Slovenja | 10 | 3 | 2 | 1 | 1 | 0 | 0 |
| Is-Slovakkja | 15 | 10 | 1 | 9 | 8 | 0 | 1 |
| Ir-Renju Unit | 114 | 56 | 8 | 48 | 44 | 3 | 1 |
| Total | 1 511 | 699 | 212 | 487 | 400 | 46 | 41 |

## Frekwenza ta' żbalji maqbuda fil-kampjunar tal-awditjar għall-koeżjoni għall-2009- 2013

| Stat Membru | Għadd totali ta' tranżazzjonijiet eżaminati | Għadd ta' tranżazzjonijiet milquta minn żball wieħed jew aktar | Għadd ta' tranżazzjonijiet milquta minn: | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Kwistjonijiet oħra ta' konformità u żbalji mhux kwantifikabbli | Żbalji kwantifikabbli | Żbalji kwantifikabbli 0 %-20 % | Żbalji kwantifikabbli 20 %-80 % | Żbalji kwantifikabbli 80 %-100 % |
| L-Awstrija | 15 | 9 | 5 | 4 | 1 | 0 | 3 |
| Il-Belġju | 8 | 3 | 1 | 2 | 0 | 2 | 0 |
| Il-Bulgarija | 19 | 8 | 6 | 2 | 2 | 0 | 0 |
| Ċipru | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Ir-Repubblika Ċeka | 59 | 32 | 16 | 16 | 8 | 4 | 4 |
| Il-Ġermanja | 101 | 56 | 28 | 28 | 24 | 3 | 1 |
| Id-Danimarka | 8 | 1 | 0 | 1 | 1 | 0 | 0 |
| L-Estonja | 37 | 11 | 4 | 7 | 5 | 2 | 0 |
| Spanja | 197 | 112 | 60 | 52 | 24 | 11 | 17 |
| Il-Finlandja | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Franza | 97 | 52 | 26 | 26 | 17 | 6 | 3 |
| Il-Greċja | 98 | 28 | 18 | 10 | 7 | 2 | 1 |
| Il-Kroazja | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| L-Ungerija | 52 | 20 | 9 | 11 | 5 | 1 | 5 |
| L-Irlanda | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| L-Italja | 102 | 57 | 37 | 20 | 13 | 1 | 6 |
| Il-Litwanja | 33 | 14 | 11 | 3 | 1 | 0 | 2 |
| Il-Lussemburgu | 15 | 12 | 9 | 3 | 3 | 0 | 0 |
| Il-Latvja | 23 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Malta | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Il-Pajjiżi l-Baxxi | 8 | 4 | 4 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Il-Polonja | 251 | 69 | 43 | 26 | 13 | 7 | 6 |
| Il-Portugall | 110 | 46 | 25 | 21 | 16 | 5 | 0 |
| Ir-Rumanija | 33 | 19 | 12 | 7 | 5 | 0 | 2 |
| L-Isvezja | 18 | 4 | 1 | 3 | 2 | 1 | 0 |
| Is-Slovenja | 23 | 5 | 2 | 3 | 2 | 1 | 0 |
| Is-Slovakkja | 52 | 29 | 26 | 3 | 2 | 0 | 1 |
| Ir-Renju Unit | 50 | 30 | 16 | 14 | 10 | 4 | 0 |
| Total | 1 409 | 621 | 359 | 262 | 161 | 50 | 51 |

## Superviżjoni mill-kummissjoni: agrikoltura u koeżjoni għall-2007-2013



**Interruzzjonijiet**

Fil-każ ta' interruzzjonijiet l-ebda pagament mill-Kummissjoni lill-Istati Membri sakemm il-Kummissjoni tkun irċeviet aġġornament sodisfaċenti fil-forma ta' klejm (jew informazzjoni addizzjonali) mtejba jew aġġustata għal (A) ammonti kklejmjati preċedentement jew (B) id-dikjarazzjoni inkwistjoni

**Awditjar mill-Kummissjoni**

L-eżaminar mill-Kummissjoni jista' jwassal għal aġġustament ta' (a) pagamenti ċċertifikati u awtorizzati preċedentement. Meta l-awtoritajiet tal-Istati Membri ma jaqblux, il-Kummissjoni tista' toħroġ ordni ta' rkupru (korrezzjoni netta). F'xi każijiet (anqas frekwenti, spiss fl-għeluq) l-eżaminar mill-Kummissjoni jista' jaffettwa (B) dikjarazzjonijiet li jkunu għadhom ma tħallsux.

**Awtoritajiet tal-awditjar fl-Istati Membri**

***Koeżjoni***

L-awtoritajiet tal-awditjar tal-Istati Membri jeżaminaw is-sistema tal-awtoritajiet maniġerjali u taċ-ċertifikazzjoni u l-operazzjonijiet fil-livell tal-benefiċjarju. Ir-rapporti tagħhom, minbarra dawk dwar l-operazzjonijiet li jintbagħtu biss lill-Kummissjoni, jintbagħtu lill-awtorità maniġerjali u taċ-ċertifikazzjoni u lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tirċievi rappurtar kumplessiv li jinkludi dan l-ittestjar sostantiv: ir-rapport annwali ta' kontroll b'opinjoni tal-awditjar. Ibbażat fuq ir-rapporti tas-sistemi individwali u/jew tal-operazzjonijiet; jew ir-rapport annwali ta' kontroll kumplessiv l-awtoritajiet tal-Istati Membri (B) u l-Kummissjoni jistgħu jieħdu azzjoni (A). L-awtorità maniġerjali tista' tiddeċiedi li tirkupra jew tirtira l-infiq fil-livell tal-proġetti (C)

***Agrikoltura***

Il-korp taċ-ċertifikazzjoni jeżamina l-affidabbiltà tal-kontijiet u d-dikjarazzjoni tal-maniġment tal-aġenzija tal-pagamenti. Ir-rapport jintbagħat lill-Kummissjoni. Il-korp taċ-ċertifikazzjoni ma jeżaminax l-operazzjonijiet mill-benefiċjarji.

## Abbrevjazzjonijiet

**AGRI**: Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

**DĠ**: Direttorat Ġenerali

**EMPL**: Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni

**FAEG**: Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija

**FAEŻR**: Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali

**FES**: Fond Ewropew għas-Sajd

**FEŻR**: Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali

**FK**: Fond ta' Koeżjoni

**FSE**: Fond Soċjali Ewropew

**ING**: introjtu nazzjonali gross

**Kummissjoni**: Il-Kummissjoni Ewropea

**LPIS**: Sistema ta' Identifikazzjoni tal-Ħbula tar-Raba'

**n**: is-sena ta' referenza n mhux identifikata

**PAK**: politika agrikola komuni

**PDG**: prodott domestiku gross

**QFP**: Qafas Finanzjarju Pluriennali

**Qorti**: Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri

**REGIO**: Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana

**SIAK**: Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll

**UE**: Unjoni Ewropea

## Noti fi tmiem id-dokument

1 Il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG), il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), u l-Fond Ewropew għas-Sajd (FES). Meħuda flimkien, dawn il-fondi jirrappreżentaw 98,8 % tal-Intestatura 2 Riżorsi naturali f'termini ta' impenji, u 98,6 % f'termini ta' pagamenti, u n-nefqa li jifdal tiġi mmaniġġjata taħt modi oħra ta' ġestjoni.

2 Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) u l-Fond ta' Koeżjoni (FK). Meħuda flimkien, dawn il-fondi jirrappreżentaw 99,7 % tal-Intestatura 1b Koeżjoni għat-Tkabbir u l-Impjiegi f'termini ta' impenji, u 99,8 % f'termini ta' pagamenti, u n-nefqa li jifdal tiġi mmaniġġjata taħt modi oħra ta' ġestjoni.

3 Din iċ-ċifra tinkludi EUR 6 biljun fi strumenti ta' flessibbiltà li jistgħu jaqbżu l-limitu massimu.

4 L-impenji u l-pagamenti fil-prezzijiet kostanti tal-2004 kif stabbiliti bl-FII ammontaw għal EUR 865 biljun u EUR 821 biljun rispettivament. Sussegwentement, dawn kienu suġġetti għal aġġustamenti tekniċi (2 % kull sena) biex iqarrbuhom lejn il-prezzijiet attwali, kif ukoll għal emendi relatati mal-ITER u l-adeżjoni tal-Kroazja. Iż-żieda fl-impenji u fil-pagamenti ta' EUR 110 biljun u EUR 105 biljun rispettivament hija prinċipalment dovuta għall-effett kumulattiv ta' aġġustamenti tekniċi annwali.

5 L-Anness II, il-paragrafu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006.

6 Ara l-Istqarrija għall-Istampa tal-Kummissjoni Ewropea tal-5 ta' Mejju 2014 IP/14/513 il-paġna 1 u Indikaturi ekonomiċi prinċipali 1994-2015, (a) Prodott Domestiku Gross Reali (bidla f'%) fuq: http://europa.eu/rapid/press-release_IP-14-513_mt.htm u l-Bulettin ta' kull Xahar tal-Bank Ċentrali Ewropew ta' Ottubru 2014 il-paġni 5 u 6 fuq: http://www.ecb.europa.eu/pub/pdf/mobu/mb201410en.pdf

7 Livelli aktar baxxi ta' inflazzjoni minn dawk antiċipati fil-QFP u f'impenji reali jagħmlu l-ammonti reali li għandhom jitħallsu aktar baxxi mill-ammonti previsti oriġinarjament. Livelli aktar baxxi ta' tkabbir inaqqsu l-pass ta' jew iwaqqfu l-eżekuzzjoni tal-proġetti u jdewmu jew iwaqqfu l-pagamenti.

8 Ara l-paragrafu 1.1 tar-Rapport Annwali 2013.

9 Il-Parlament Ewropew, id-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni, id-dipartiment tematiku D għall-politiki tal-affarijiet baġitarji: "EU budget and national budget: facts, figures and impact" (Il-baġit tal-UE u l-baġit nazzjonali: fatti, ċifri u impatt), Marzu 2014.

10 http://ec.europa.eu/budget/mycountry/HU/index_en.cfm. Il-perċentwal ekwivalenti tal-infiq mill-UE għall-Ungerija skont l-istudju tal-Parlament Ewropew (ara n-nota9 huwa madwar 19 %.

11 Steffen Osterloh, "The Fiscal Consequences of EU Cohesion Policy after 2013", (Il-Konsegwenzi Fiskali tal-Politika ta' Koeżjoni tal-UE wara l-2013), 2009, Instituto de Estudios Fiscales.

12 L-Artikolu 29 tar- Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 dwar il-finanzjament tal-Politika Agrikola Komuni.

13 L-Artikolu 93 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni: "Għall-Istati Membri li l-PDG tagħhom mill-2001 sal-2003 kien taħt 85 % tal-medja tal-UE-25 fl-istess perjodu, kif elenkat fl-Anness II, id-data ta' skadenza msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun il-31 ta' Diċembru tat-tielet sena wara s-sena tal-impenn tal-baġit annwali mill-2007 sal-2010 taħt il-programmi operattivi tagħhom".

14 Ir-Regolament (UE) Nru 539/2010 jistipula li għall-impenji tas-sena 2007, ir-regola ta' diżimpenn awtomatiku ma tapplikax minn tmiem l-2009 (n+2) / tmiem l-2010 (n+3) iżda pjuttost jiżdied 1/6 tal-ammont totali tal-impenji tal-2007 mal-kalkolu ta' diżimpenji għal kull waħda mis-snin sussegwenti 2008 sa 2013.

15 Ir-Regolament (UE) Nru 1311/2011 – il-FEŻR, l-FSE, l-FK u r-Regolament (UE) Nru 1312/2011 – il-FAEŻR.

16 Ir-Regolament (UE) Nru 1297/2013.

17 Il-mira kumulattiva 2012 kienet tikkonsist f'impenji relatati mas-snin 2008, 2009 u 2010 flimkien ma' 3/6 tal-impenji tal-2007 għal każijiet fejn ir-regola (n+2) kienet tapplika, u f'impenji relatati mas-snin 2008, 2009 flimkien ma' 2/6 tal-impenji tal-2007 għal każijiet fejn ir-regola (n+3) kienet tapplika.

18 Ibbażat fuq ir-rapport tal-Kummissjoni "Analysis of the budgetary implementation of the Structural and Cohesion Funds in 2013" (Analiżi tal-implimentazzjoni baġitarja tal-Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni fl-2013) ta' Mejju 2014.

19 Fil-koeżjoni, strumenti ta' inġinerija finanzjarja huma dawk stabbiliti taħt l-Artikolu 44 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006. Bħala parti minn Programm Operattiv (Operazzjonali), il-Fondi Strutturali jistgħu jiffinanzjaw minn dawn li ġejjin:

(a) Strumenti ta' Inġinerija Finanzjarja għal intrapriżi, primarjament għal dawk żgħar u dawk ta' daqs medju bħal Fondi ta' Kapital ta' riskju, Fondi ta' garanzija u Fondi ta' self,

(b) Fondi għall-Iżvilupp Urban, jiġifieri, fondi li jinvestu fi Sħubiji Pubbliċi-Privati u proġetti oħra inklużi fi Pjan Integrat għal Żvilupp Urban Sostenibbli, u

(c) Fondi jew skemi ta' inċentivi oħra li jipprovdu Selfiet, Garanziji għal Investimenti li jitħallsu lura, jew strumenti ekwivalenti, għall-effiċjenza tal-enerġija u l-użu minn enerġija li tiġġedded (rinnovabbli) fil-bini, inkluż fid-djar (abitazzjonijiet) eżistenti.

Fil-31 ta' Diċembru 2013, kien hemm aktar minn 900 strument ta' inġinerija finanzjarja fil-koeżjoni.

Fil-FAEŻR, id-dispożizzjonijiet legali fir-rigward ta' strumenti ta' inġinerija finanzjarja huma stabbiliti fl-Artikolu 71(5) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 u fl-Artikoli 50 sa 52 tar-Regolament (KE) Nru 1974/2006. Dawn jinkludu:

(a) Fondi (ta' kapital) ta' riskju,

(b) Fondi ta' garanzija, u

(c) Fondi ta' kreditu (self).

Fil-31 ta' Diċembru 2013, kien hemm anqas minn 20 strument ta' inġinerija finanzjarja fl-agrikoltura.

20 Ir-Rapport Annwali tal-Attività 2013 tad-DĠ AGRI, l-Anness 10, il-paġna 157.

21 Ara wkoll il-paragrafu 2.

22 Ara r-Rapport Annwali 2013, l-Anness 1.1, il-paragarfu 9 "Żbalji fit-tranżazzjonijiet jokkorru għal diversi raġunijiet u jieħdu għadd ta' forom differenti skont in-natura tal-ksur u tar-regola speċifika jew tar-rekwiżit kuntrattwali li ma ssegwiex. It-tranżazzjonijiet individwali jistgħu jkunu totalment jew parzjalment milquta minn żball. L-iżbalji maqbuda u kkoreġuti qabel u indipendentement mill-kontrolli mwettqa mill-Qorti huma esklużi mill-kalkolu u l-frekwenza ta' żball, billi huma juru li is-sistemi ta' kontroll jaħdmu b'mod effettiv. Il-Qorti tqis jekk l-iżbalji individwali humiex kwantifikabbli jew mhux kwantifikabbli, filwaqt li tieħu kont tal-punt sa fejn huwa possibbli li jiġi mkejjel kemm mill-ammont awditjat kien milqut minn żball."
Aktar eżempji huma diskussi fil-paragrafi sussegwenti.

23 Id-Direttiva 2014/24/UE (li tissostitwixxi d-Direttiva 2004/18/KE), id-Direttiva 2014/25/UE (li tissostitwixxi d- Direttiva 2004/18/KE) u direttiva ġdida dwar il-kuntratti ta' konċessjoni: Id-Direttiva 2014/23/UE.

24 Ara http://europa.eu/rapid/press-release_MEMO-14-20_en.htm?locale=en.

25 Fl-Opinjoni Nru 4/2011 tagħha dwar il-Green Paper tal-Kummissjoni dwar il-Modernizzazzjoni tal-Politika ta' Akkwist Pubbliku, il-Qorti nnutat li: "L-esperjenza tal-Qorti meta tkun qed tagħmel verifika tal- (tawditja l-) akkwisti pubbliċi tissuġġerixxi li problemi rikorrenti dwar nuqqas ta' konformità huma relatati ma' implimentazzjoni dgħajfa ta' regoli eżistenti u li għad hemm lok sostanzjali għal titjib fil-livell ta' implimentazzjoni."
u li
"Il-Qorti tosserva li jista' jsir xi titjib biex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi kemm għall-awtoritajiet kontraenti u għall-impriżi; iżda dan ma għandux isir bi ħsara għall-prinċipji ewlenin ta' aċċess ugwali, kompetizzjoni ġusta u użu effiċjenti ta' fondi pubbliċi. Xi lakuni, oqsma li mhumiex ċari jew ambigwi fil-qafas legali kurrenti jinvolvu riskji għas-sigurtà legali tal-operaturi kollha u għall-integrità tal-proċeduri. Dan jista' jitlob li r-regoli jiġu speċifikati b'mod aktar ċar." http://www.eca.europa.eu/Lists/ECADocuments/OP11_04/OP11_04_MT.PDF

26 Ara wkoll ir-Rapport Speċjali Nru 16/2013, il-paragrafu 11 u l-Kaxxa 2 għal spjegazzjoni komprensiva.

27 Għall-Istati Membri li jirċievu aktar minn 2 % tal-pagamenti fis-snin 2009 sa 2013, id-daqs tal-kampjun huwa allinjat aktar mill-qrib mal-pagamenti milli għal dawk l-Istati Membri li jirċievu anqas minn 2 % tal-pagamenti. Dan huwa riżultat tar-raggruppament ta' kampjuni fil-livell ta' pagamenti li saru mill-Kummissjoni (ara wkoll l-FCAM, il-Parti 1, it-Taqsima 2.3.8; http://www.eca.europa.eu/Lists/ECADocuments/FCAM_2012/FCAM_2012_MT.PDF).

28 Dawn it-tranżazzjonijiet jirrappreżentaw 81 % tal-għadd totali ta' tranżazzjonijiet eżaminati mill-Qorti fis-snin 2009-2013.

29 Il-paragrafi 1.18 sa 1.35 tar-Rapport Annwali 2009 u l-paragrafi 1.32 sa 1.50 tar-Rapport Annwali 2012.

30 L-irkupri jintużaw prinċipalment fl-agrikoltura.

31 Il-paragrafu 1.32 sa 1.50 tar-Rapport Annwali 2009, il-paragrafi 1.19 sa 1.35 tar-Rapport Annwali 2012, il-paragrafu 1.13 sa 1.15 tar-Rapport Annwali 2013.

32 Dan it-tip ta' dħul jissejjaħ dħul assenjat kif definit fl-Artikolu 21(3)(c) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni: "dħul li joriġina mir-rifużjoni, skont l-Artikolu 80, ta' ammonti mħallsa bi żball".

33 Ara r-Rapport Speċjali tal-Qorti Nru 7/2010 għall-agrikoltura "Verifika tal-proċedura tal-approvazzjoni tal-kontijiet", il-paragrafi 68 sa 73 u l-Graff 3 u r-Rapport Speċjali 3/2010 għall-koeżjoni "Il-fondi strutturali: il-Kummissjoni kellha suċċess biex titratta n-nuqqasijiet identifikati fis-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tal-Istati Membri?".

34 Protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni Ewropea sa tmiem l-2013. COM(2014) 618 final tal-29.9.2014.

35 Il-Komunikazzjoni COM(2014) 618 final tad-29.9.2014, "Protezzjoni tal-baġit tal-UE sa tmiem l-2013".

36 Il-paragrafu 1.19 tar-Rapport Annwali 2013.

37 Ir-Rapport Annwali 2013, il-paragrafi 3.8, 4.8, 5.32 u 6.24.

38 Ammont f'riskju huwa definit mill-Kummissjoni bħala l-valur tal-frazzjoni tat-tranżazzjonijiet li hija stmata bħala mhux f'konformità sħiħa mar-rekwiżiti regolatorji u kuntrattwali applikabbli wara l-applikazzjoni tal-kontrolli kollha (miżuri korrettivi) intenzjonati biex jimmitigaw ir-riskji ta' konformità. Sors: "Annexes to the Communication from the Commission to the European Parliament, the Council and the Court of Auditors. Synthesis of the Commission's management achievements in 2013" (Annessi għall-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Qorti tal-Awdituri. Sinteżi tal-kisbiet tal-ġestjoni tal-Kummissjoni fl-2013). Ara wkoll il-link: http://ec.europa.eu/atwork/pdf/synthesis_report_2013_annex_en.pdf

39 Għar-Rapport Annwali 2011, dan ġie rrappurtat fil-paragrafi 4.33-4.44, għar-Rapport Annwali 2012 fil-paragrafi 4.26-4.39 u għar-Rapport Annwali 2013 fil-paragrafi 4.22-4.30.

40 Il-paragrafu 3.67 tar-Rapport Annwali 2009, il-paragrafu 3.54 tar-Rapport Annwali 2010 u l-paragrafu 3.41 tar-Rapport Annwali 2011.

41 Għal miżuri ta' żvilupp rurali relatati ma' erja, il-verifikazzjoni ta' ċerti elementi ewlenin bħal erja eliġibbli ssir permezz tas-SIAK. Rekwiżiti oħra tal-eliġibbiltà huma rregolati minn kontrolli mfassla speċifikament.

42 Taħt il-metodoloġija tal-Qorti, is-sistemi huma klassifikati bħala effettivi fil-mitigazzjoni tar-riskju ta' żball fit-tranżazzjonijiet, parzjalment effettivi (meta jkun hemm xi dgħufijiet li jaffettwaw l-effettività operatorja) jew mhux effettivi (meta d-dgħufijiet ikunu pervażivi u b'hekk idgħajfu għalkollox l-effettività operatorja).

43 Ara r-Rapport Annwali tal-Attività 2013 tad-DĠ AGRI, il-paġna 119: rata tal-iżball residwu ta' 7,44% għall-miżuri tas-suq (MHUX SIAK) u l-paġna 133: rata tal-iżball residwu ta' 2,33 % għall-pagamenti diretti (SIAK).

44 Ir-Rapport Speċjali Nru 16/2013 "Valutazzjoni ta' awditu uniku (single audit) u d-dipendenza tal-Kummissjoni fuq ix-xogħol tal-awtoritajiet nazzjonali tal-awditjar fil-koeżjoni", il-paragrafu 83.

45 Il-paragrafi 5.46-5.50 u 5.55-5.58.

46 Ir-Rapport Speċjali Nru 16/2013, il-paragrafi 35 sa 40.

47 Ir-Rapport tal-IAS: IAS.B2-2014-REGIO-003 "Final Report on the Limited Review of the Calculation and the Underlying Methodology of DG REGIO's Residual Error Rates for the 2013 Reporting Year" (Rapport Finali dwar l-Analiżi Limitata tal-Kalkolu u l-Metodoloġija ta' Bażi tar-Rati tal-Iżball Residwu tad-DĠ REGIO għas-Sena ta' Rappurtar 2013), il-paġna 3.

48 L-iskema ta' pagament uniku skont l-erja, stabbilita fir-Regolament (KE) Nru 73/2009 kellha tintemm fil-31 ta' Diċembru 2013. Fil-kuntest tar-riforma tal-PAK, l-Istati Membri li kienu japplikaw din l-iskema tħallew ikomplu japplikawha għal perijodu tranżizzjonali ieħor sa mhux aktar tard minn tmiem l-2020.

49 Ir-Regolament (KE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

50 L-Opinjoni Nru 7/2011 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il- Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd koperti mill-Qafas Strateġiku Komuni u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il- Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006 (ĠU C 47, 17.2.2012, p. 1).

51 Dawn jinkludu proġett jew grupp ta' proġetti bħala parti minn programm operazzjonali, fejn il-fondi tal-UE huma marbuta direttament mar-rispett ta' objettivi u outputs speċifiċi, stadji importanti miftiehma u indikaturi tar-riżultati.

52 Awtorità maniġerjali (AM), awtorità taċ-ċertifikazzjoni (AĊ), awtorità tal-awditjar (AA).

53 L-Artikolu 59(5)(b) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni.

54 "Dik l-opinjoni għandha tistabbilixxi jekk il-kontijiet jagħtux stampa ċara u ġusta, jekk in-nefqa li fir-rigward tagħha ntalab rimborż mill-Kummissjoni hijiex legali u regolari, u jekk is-sistemi ta' kontroll imħaddma jiffunzjonawx kif suppost. L-opinjoni għandha wkoll tiddikjara jekk ix-xogħol tal-awditjar iqajjimx dubju dwar l-affermazzjonijiet li saru fid- dikjarazzjoni ta' ġestjoni msemmija fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu." L-Artikolu 59(5)(b) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni.

55 Il-kontijiet u ċ-ċertifikat tal-awditjar iridu jiġu ppreżentati fi Frar tas-sena n. Il-Kummissjoni tista' tagħti lill-Istati Membri xahar addizzjonali biex jagħmlu dan. Jeżisti perjodu ta' żmien simili fl-agrikoltura, madankollu għall-agrikoltura l-kontijiet tal-aġenziji tal-pagamenti jingħalqu fil-15 ta' Ottubru tas-sena (n-1). Għall-koeżjoni, is-sena finanzjarja tintemm fit-30 ta' Ġunju tas-sena (n-1).

## KIF GĦANDEK TAGĦMEL BIEX TIKSEB IL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE

**Pubblikazzjonijiet bla ħlas:**

- kopja waħda:
  permezz tal-EU Bookshop (http://bookshop.europa.eu);
- iżjed minn kopja waħda jew posters/mapep:
  mir-rappreżentanzi tal-Unjoni Ewropea (http://ec.europa.eu/represent_mt.htm),
  mid-delegazzjonijiet f'pajjiżi li mhumiex fl-UE (http://eeas.europa.eu/delegations/index_mt.htm),
  billi tikkuntatja s-servizz Europe Direct (http://europa.eu/europedirect/index_mt.htm)
  jew ċempel 00 800 6 7 8 9 10 11 (numru tat-telefown bla ħlas minn kullimkien fl-UE) (*).

(*) L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b'xejn (għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

**Pubblikazzjonijiet bi ħlas:**

- permezz tal-EU Bookshop (http://bookshop.europa.eu).

**Abbonamenti bi ħlas:**

- mingħand l-aġenti tal-bejgħ tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm).

QJ-05-14-011-MT-N

CURIA RATIONUM

IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet